IL-QORTI EWROPEA
TA' L-AWDITURI

Rapport Speċjali Nru 9 // 2008

# L-EFFETTIVITÀ TAL-GĦAJNUNA TAL-UE FIL-QASAM TAL-LIBERTÀ, IS-SIGURTÀ U L-ĠUSTIZZJA GĦALL-BELARUS, IL-MOLDOVA U L-UKRAINA

CURIA RATIONUM

MT

Rapport Speċjali Nru 9 // 2008

# L-EFFETTIVITÀ TAL-GĦAJNUNA TAL-UE FIL-QASAM TAL-LIBERTÀ, IS-SIGURTÀ U L-ĠUSTIZZJA GĦALL-BELARUS, IL-MOLDOVA U L-UKRAINA

(skont l-Artikolu 248(4), it-tieni sotto-paragrafu, KE)

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
L-1615 Luxembourg

Telefon (352) 4398-45410
Fax (352) 4398-46430
E-mail: euraud@eca.europa.eu
Internet: http://www.eca.europa.eu

Rapport Speċjali Nru 9 // 2008

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.
Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, 2009

ISBN 978-92-9207-146-2
DOI 10.2865/46113

© Il-Komunitajiet Ewropej, 2009
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

*Printed in Belgium*

# WERREJ


Paragrafu

ABBREVJAZZJONIJIET

I-V SOMMARJU EŻEKUTTIV

1-7 INTRODUZZJONI

8-10 L-AMBITU U L-ISKOP TAL-VERIFIKA

11-62 OSSERVAZZJONIJIET

11-52 SA LIEMA PUNT L-GĦAJNUNA TAL-UE GĦALL-PROĠETTI TAL-LIBERTÀ, IS-SIGURTÀ U L-ĠUSTIZZJA FIL-BELARUS, IL-MOLDOVA U L-UKRAINA KIENET TA' SUĊĊESS?

11-19 ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI: KISBIET SODISFAĊENTI

20-27 IMMIGRAZZJONI U AŻIL: PROGRESS FQIR F'KUNTEST DIFFIĊLI

28-44 IL-ĠLIEDA KONTRA L-KRIMINALITÀ ORGANIZZATA: RIŻULTATI MĦALLTA

45-52 ĠUDIKATURA U GOVERNANZA TAJBA: RIŻULTATI MĦALLTA

53-57 X'INHUMA R-RAĠUNIJIET EWLENIN GĦAL PRESTAZZJONI INADEGWATA?

54 KISBA LIMITATA TIPIKAMENT MINĦABBA TAĦLITA TA' FATTURI LI JINVOLVU L-PARTIJIET EWLENIN KOLLHA

55-56 NUQQASIJIET FIL-ĠESTJONI TAL-PROĠETTI MILL-KUMMISSJONI

57 NUQQASIJIET FIL-ĠESTJONI TA' PROĠETTI MILL-ORGANIZZAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI

58-62 IL-KUMMISSJONI SAFEJN GĦANDHA PROĊESS TA' TAGĦLIM STABBILIT SABIEX JIKKUNSIDRA L-ESPERJENZI GĦALL-KONTINWITÀ TAL-GĦAJNUNA FIL-QASAM TA' LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA?

60-61 MHUX IL-POSSIBBILTAJIET KOLLHA SFRUTTATI SABIEX TINĠABAR INFORMAZZJONI

62 L-ESPERJENZA MIKSUBA MHUX DEJJEM RIFLESSA FI PROĠETTI ĠODDA

63-73 KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

ANNESS I – MAPPA

ANNESS II – JHA - ĦARSA ĠENERALI LEJN IL-PROĠETT (IMPENJAT TAĦT IL-PROGRAMMI 2000 - 2005)

ANNESS III – ĦARSA ĠENERALI LEJN KUNTRATTI VVERIFIKATI

ANNESS IV – ŻONA TAL-OPERAT TAL-EUBAMS

IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

# ABBREVJAZZJONIJIET

**AENEAS**: Programm għal għajnuna finanzjarja u teknika lil pajjiżi terzi fl-oqsma tal-immigrazzjoni u l-ażil

**BUMAD**: Għajnuna Multisettorali għall-Kontroll tad-Droga u l-Bini tal-Istituzzjoni fl-Ukraina, il-Moldova u l-Belarus

**DG**: Direttorat-Ġenerali

**DĠ JLS**: Direttorat-Ġenerali tal-Ġustizzja, il-Libertà u s-Sigurtà

**ENP**: Politika Ewropea tal-Viċinat

**EUBAM**: Missjoni tal-Unjoni Ewropea ta' Assistenza fil-Fruntieri tal-Moldova u l-Ukraina

**Europe Aid**: Uffiċċju tal-Koperazzjoni Europe Aid

**FIU**: Unità tal-Intelliġenza Finanzjarja

**NGOs**: Organizzazzjonijiet mhux Governattivi

**TACIS**: Għajnuna teknika għall-Commonwealth tal-Istati Indipendenti

# SOMMARJU EŻEKUTTIV

**I.**
Wara t-tkabbir tal-2004 u l-2007, l-UE saret ġara diretta tal-Belarus, il-Moldova u l-Ukraina. Il-Kummissjoni għamlet ammont konsiderevoli ta' fondi tal-UE disponibbli għal dawn il-pajjiżi (166 miljun euro fil-perijodu 2000-2005) biex tittejjeb il-kapaċità tagħhom fl-oqsma tal-: kontroll tal-fruntieri; ġestjoni tal-immigrazzjoni/l-ażil; il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata; u l-ġudikatura u l-governanza tajba. Il-Kummissjoni llimitat l-għajnuna lill-Belarus minħabba nuqqas ta' rispett għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem. L-UE użat strumenti differenti, dak l-aktar sinifikanti kien il-programm TACIS u l-parti l-kbira tal-għajnuna twasslet permezz tal-organizzazzjonijiet internazzjonali (ara l-paragrafi 1 sa 7).

**II.**
L-għan tal-verifika tal-Qorti kien li tiddetermina s-suċċess tal-għajnuna tal-UE, biex tistabbilixxi r-raġunijiet għall-possibilità ta' prestazzjoni baxxa u biex tara sa liema punt il-Kummissjoni kellha proċess ta' tagħlim stabbilit biex jikkunsidra l-esperjenzi miksuba għal kontinwità fl-għajnuna f'dan il-qasam. Il-verifika eżaminat 40 kuntratt b'valur totali ta' 100 miljun euro (ara l-paragrafi 8 sa 10 u l-***Anness III***).

**III.**
Il-parti l-kbira tal-għajnuna vverifikata kisbet riżultati sodisfaċenti, b'mod partikolari fil-qasam tal-"Ġestjoni tal-Fruntieri". Il-progress fil-parti l-kbira tiegħu ma kienx sodisfaċenti fil-qasam tal-"Immigrazzjoni u l-Ażil". Inkisbu riżultati mħallta fil-Ġlieda kontra l-Kriminalità Organizzata" u l-"Ġudikatura u l-Governanza Tajba" (ara l-paragrafi 11 sa 52).

**IV.**
Il-kisbiet limitati kienu tipikament dovuti għal taħlita ta' fatturi li jinvolvu l-Kummissjoni, l-istituzzjonijiet internazzjonali u l-varji awtoritajiet tat-tliet pajjiżi. Fatturi esterni bħall-instabilità politika kontinwa fl-Ukraina wkoll naqset ir-riżultati tal-proġett. Minkejja li kellha persunal kompetenti ħafna, id-Delegazzjoni f'Kiev kellha wisq xogħol, billi bdiet tieħu ħsieb qasam tal-politika li qed jikber malajr bi proġetti mhux biss fl-Ukraina imma fil-Belarus u l-Moldova wkoll. Id-Delegazzjoni fil-Moldova, li nfetħet f'Ottubru 2005, ħadet kważi sentejn biex tibda l-ġestjoni ta' xogħol tal-proġetti. Il-ko-eżistenza ta' bosta strumenti ta' finanzjament għall-istess għan u n-nuqqas ta' koerenza bejniethom fixklet approċċ ta' kwalità. Kien hemm ukoll ċerti nuqqasijiet fil-ġestjoni konġunta mal-istituzzjonijiet internazzjonali. B'mod ġenerali l-koordinazzjoni tal-għajnuna tal-UE ma' donaturi oħra ma kinitx żviluppata biżżejjed. Fl-aħħar il-Kummissjoni ma sfruttatx kompletament għażliet biex tiġbor esperjenzi u l-esperjenza miksuba ma kinitx dejjem riflessa fi proġetti ġodda ( ara l-paragrafi 53 sa 62).

**V.**
Abbażi ta' dawn l-osservazzjonijiet, il-Qorti tagħmel rakkomandazzjonijiet dettaljati li jistgħu jgħinu lill-Kummissjoni biex iżżid l-effettività tal-assistenza mogħtija lill-Belarus, il-Moldova u l-Ukraina fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja (ara l-paragrafi 63 sa 73).

# INTRODUZZJONI

**1.** Wieħed mill-għanijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea (UE) huwa li toffri liċ-ċittadini tagħha żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja[1]. Dan l-għan għandu dimensjoni esterna importanti. Wara t-tkabbir tal-2004 u l-2007, l-UE saret ġara diretta tal-Belarus, il-Moldova u l-Ukraina, taqsam fruntiera komuni u taffaċċja sfidi komuni fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, it-terroriżmu u attivitajiet illegali oħra (ara l-mappa fl-***Anness I***).

**2.** L-UE qed tagħmel sforzi speċifiċi biex tgħin lil dawn it-tliet pajjiżi biex itejjbu l-kapaċità tagħhom fl-oqsma ta' kontroll tal-fruntieri, il-ġestjoni tal-immigrazzjoni/tal-ażil, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-ġudikatura u l-governanza tajba[2]. Fil-perijodu 2000-2005 il-Kummissjoni ffinanzjat 89 proġett b'kontribuzzjoni totali tal-UE ta' 165,7 miljun euro (ara l-***Anness II***).

**3.** Il-mezz primarju għall-għajnuna tal-UE kien il-programm TACIS[3]. Proġetti ġew iffinanzjati permezz tal-friegħi varji tiegħu: Programmi Nazzjonali ta' Azzjoni, Programmi Reġjonali ta' Azzjoni u Programmi ta' Koperazzjoni bejn il-Fruntieri. Maħluq fl-1991, l-għan ġenerali tat-TACIS kien li jassisti t-tranżizzjoni lejn ekonomija ta' suq ħieles u jsaħħaħ id-demokrazija u l-istat tad-dritt fl-istati msieħba. It-TACIS tneħħa b'mod gradwali fl-2006 imma l-pagamenti ser ikomplu mill-inqas sal-2010. Mill-2007 'il quddiem, għajnuna lill-Belarus, il-Moldova u l-Ukraina ġiet ipprogrammata taħt l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija l-ġdid (ENPI)[4].

**4.** Flimkien mal-programm TACIS l-UE użat strumenti oħra biex tgħin lil dawn it-tliet pajjiżi fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja:

a) Azzjoni preparatorja għall-koperazzjoni fl-immigrazzjoni (iffinanzjata mil-linja tal-baġit speċifika).

b) Programm ta' għajnuna finanzjarja u teknika lil pajjiżi terzi fl-oqsma tal-immigrazzjoni u l-ażil (AENEAS)[5].

c) Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida[6].

d) Inizjattiva Ewropea għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem[7].

[1] L-isem qadim użat mill-Kummissjoni għal dan il-qasam tal-politika kien "Ġustizzja u Affarijiet Interni (JHA)".

[2] Diġà fl-2003, pjan ta' azzjoni tal-UE dwar il-ġustizzja u l-affarijiet interni kien ippubblikat għall-Ukraina (ĠU C 77, 29.3.2003). Dan il-pjan ta' azzjoni ġie revedut fl-2007.

[3] Programm ta' Assistenza Teknika għall-pajjiżi tal-Commonwealth tal-Istati Indipendenti. 12-il pajjiż ibbenefikaw mit-TACIS: il-Belarus, il-Moldova, il-Federazzjoni Russa u l-Ukraina fl-Ewropa tal-Lvant, l-Armenja, l-Azerbajġan u l-Ġeorġja fil-Caucasus, il-Kazakhstan, Ir-Repubblika ta' Kyrgyz, it-Taġikistan, it-Turkmenistan u l-Uzbekistan fl-Asja Ċentrali.

[4] Ir-Regolament (KE) Nru 1638/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali ta' twaqqif tal-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ĠU L 310, 9.11.2006, p. 1).

[5] Ir-Regolament (KE) Nru 491/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 80, 18.3.2004; p. 1).

[6] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 381/2001 (ĠU L 57, 27.2.2001, p. 5).

[7] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2242/2004 (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 21).

**5.** Wara d-devoluzzjoni[8] fl-2003, id-Delegazzjoni tal-Kummissjoni f'Kiev ingħatat responsabilità ġenerali għall-implimentazzjoni tal-għajnuna tal-UE fit-tliet pajjiżi. Delegazzjoni ġdida nfetħet fil-Moldova f'Ottubru 2005 u saret responsabbli mill-implimentazzjoni tal-proġetti fis-sajf 2007. Il-proġetti mhux tat-TACIS is-soltu huma ġestiti mill-Kwartieri Ġenerali tal-Kummiss-joni (Europe Aid u d-DĠ JLS).

[8] L-għoti tar-responsabilità tat-tmexxija lid-Delegazzjonijiet tal-Kummissjoni fil-pajjiż.

**6.** L-ikbar parti tal-għajnuna fil-qasam tal-libertà, sigurtà u l-ġustizzja titwassal permezz ta' organizzazzjonijiet internazzjonali: il-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDP), il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (UNHCR), l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Immigrazzjoni (IOM) jew il-Kunsill tal-Ewropa (CoE). Abbażi tal-akkordji ta' kontribuzzjoni standard iffirmati mal-Kummissjoni, dawn l-organiz-zazzjonijiet internazzjonali huma responsabbli minn ċerti aspetti tal-implimentazzjoni tal-proġetti, li jinkludu l-proċeduri ta' xiri u pagament (l-hekk imsejħa tip ta' ġestjoni konġunta).

**7.** Is-sitwazzjoni fil-Belarus kienet speċifika. Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Belarus u l-UE ġie ffirmat fl-1996 imma r-ratifika tiegħu ġiet iffriżata minħabba nuqqas ta' rispett għad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem. Għalhekk, matul il-perijodu kopert mill-verifika, l-għajnuna lill-Belarus kienet limitata għal proġetti umanitarji, transkonfinali u ta' koperazzjoni reġjonali, sostenn għall-ħtiġijiet tal-popolazzjoni, u għal proġetti li jsos-tnu direttament u indirettament id-demokratizzazzjoni u forzi demokratiċi (pereżempju, l-għajnuna lill-media indipendenti, boroż ta' studju għaż-żgħażagħ). Il-proġetti ta' libertà, sigurtà u ġustizzja fil-Belarus fil-parti l-kbira huma proġetti ta' bosta pajjiżi li jinkludu l-Moldova u l-Ukraina.

# L-AMBITU U L-ISKOP TAL-VERIFIKA

**8.** L-għan tal-verifika kien li tevalwa l-effettività tal-għajnuna tal-UE fil-qasam tal-libertà, sigurtà u ġustizzja għall-Belarus, Moldova u l-Ukraina. Il-verifika indirizzat tliet domandi:

a) Sa liema punt l-għajnuna tal-UE għall-proġetti tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja fil-Belarus, il-Moldova u l-Ukraina kienet ta' suċċess?

b) X'inhuma r-raġunijiet prinċipali għall-possibilità ta' prestazzjoni baxxa?

c) Sa liema punt il-Kummissjoni għandha proċess ta' tagħlim stabbilit biex jikkunsidra l-esperjenzi għal kontinwità fl-għajnuna fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja?

**9.** Il-Qorti vverifikat 40 kuntratt, magħżula skont il-ġudizzju, b'kontribuzzjoni totali tal-UE ta' 99,3 miljun euro (minn total ta' 89 proġett[9] li jkopru 165,7 miljun euro fl-2000-2005), li jikkomprendu 24 kuntratt komplet u 16 li għadhom għaddejja (l-***Anness III***). Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-kuntratti li għadhom għaddejja segwew proġetti li qabel kienu ffinanzjati mill-UE, li jippermettu evalwazzjoni tal-proċess ta' tagħlim tal-Kummissjoni (il-mistoqsija prinċipali tal-punt (c) hawn fuq). Il-verifika kienet tinvolvi eżami: tar-riżultati tal-proġetti u paragun mal-għanijiet iffissati; tal-fatturi li jfixklu l-kisba tal-għanijiet; u tal-esperjenzi miksuba u jekk dawn ġewx ikkunsidrati fi proġetti jew programmi li segwew.

**10.** L-40 kuntratt eżaminat kienu jaqgħu f'erba' oqsma oħra:

a) Il-Ġestjoni tal-Fruntieri.

b) L-Immigrazzjoni u l-Ażil.

c) Il-Ġlieda kontra l-Kriminalità Organizzata.

d) Il-Ġudikatura u l-Governanza Tajba.

It-tim tal-verifika eżamina l-proġetti fuq il-post matul il-perijodu Novembru 2006 sa Lulju 2007, u inkluda żjarat lill-organizzazzjonijiet internazzjonali implimentattivi u korpi nazzjonali kif ukoll unitajiet ta' sorveljanza[10].

[9] Proġett huwa implimentat permezz ta' kuntratt wieħed jew aktar minn wieħed.

[10] Il-Kummissjoni tikkuntratta konsorzju biex iwettaq sorveljanza regolari tal-proġetti.

## SA LIEMA PUNT L-GĦAJNUNA TAL-UE GĦALL-PROĠETTI TAL-LIBERTÀ, IS-SIGURTÀ U L-ĠUSTIZZJA FIL-BELARUS, IL-MOLDOVA U L-UKRAINA KIENET TA' SUĊĊESS?

### ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI: KISBIET SODISFAĊENTI

**11.** Il-Belarus u l-Ukraina qed jiffaċċjaw problemi kbar fil-ġestjoni tal-fruntieri minħabba t-tul totali tal-fruntieri esterni tagħhom (madwar 3 000 km u 7 000 km rispettivament) u n-nuqqas ta' demarkazzjoni uffiċjali tal-fruntieri, b'mod partikolari mar-Russja. Kważi l-ebda kontrolli tal-fruntiera u tad-dwana ma jitwettqu fil-fruntiera bejn ir-Russja u l-Belarus. Il-dgħufija fil-fruntieri tħeġġeġ kemm attività kriminali trans-konfinali u kif ukoll l-immigrazzjoni illegali.

**12.** Il-ġestjoni tal-fruntieri bejn il-Moldova u l-Ukraina hija kkumplikata mill-eżistenza tar-Repubblika ta' Transnistria li pproklamat lilha nfisha u li mhix rikonoxxuta internazzjonalment. Il-fruntiera tal-Istat bejn il-Moldova u l-Ukraina hija twila 1 222 km li minnha 472 km fuq in-naħa tal-Moldova hija taħt il-kontroll tal-awtoritajiet ta' Transnistria. L-awtoritajiet Transnistriani jikkontrollaw ir-reġjun fil-Lvant tax-Xmara Dniestr u qed jaġixxu *de facto* indipendentement mill-bqija tal-Moldova (ara l-Kaxxa 1).

**KAXXA 1**

### SFOND GĦALL-KUNFLITT TA' TRANSNISTRIA

B'mod parallel mal-proċess ta' emanċipazzjoni tal-Moldova mill-Unjoni Sovjetika, mill-1989 'il quddiem, movimenti ta' protesta fir-reġjuni li fil-biċċa l-kbira għandhom popolazzjonijiet mhux Moldovani bdew jirreżistu l-isforzi għall-indipendenza tal-Moldova. Bħala reazzjoni għad-dikjarazzjoni ta' sovranità tal-Moldova, Repubblika Moldovana ta' Transnistria separata ġiet ipproklamata fl-1990. Seħħ il-kunflitt u l-glied laħaq l-ogħla punt tiegħu fl-1992, u dan ikkawża bosta mijiet ta' mwiet u madwar 100 000 refuġjat.

Sa mill-1995 il-Moldova u t-Transnistria, megħjuna mill-OSCE, ir-Russja u l-Ukraina bħala medjaturi internazzjonali, iddiskutew il-possibilità ta' ftehim għall-kunflitt iffriżat. Il-wasla fil-poter tal-amministrazzjoni tal-President Yushchenko fl-Ukraina ħolqot tieqa ta' opportunità għal aktar progress biex tinstab soluzzjoni għall-kunflitt. Sa minn Settembru 2005, l-UE u l-Istati Uniti pparteċipaw bħala osservaturi fil-proċess tan-negozjati. L-UE ġiet irrappreżentata minn Rappreżentant Speċjali għall-Moldova sa minn Marzu 2005.

**13.** Il-Kummissjoni għenet sostanzjalment biex ittejjeb il-kapaċitajiet ta' ġestjoni tal-fruntieri tal-Belarus, il-Moldova u l-Ukraina. Il-ġestjoni tal-fruntieri hija finanzjarjament il-qasam l-aktar sinifikanti għall-proġetti tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja. 63,2 % tal-għajnuna tal-UE (104,7 miljun euro) taħt il-programmi 2000-2005 ġie allokat f'dan il-qasam. Il-Qorti vverifikat 10 kuntratti b'valur totali ta' 51,8 miljun euro.

**14.** Il-parti l-kbira tal-proġetti vverifikati kisbu riżultati sodisfaċenti (ara l-***Anness III***). L-użu ta' tagħmir modern u teknoloġiji mtejba kif ukoll taħriġ tal-għassiesa tal-fruntieri wassal għal kontrolli u sorveljanza aħjar tal-fruntieri (ara l-eżempji fil-Kaxxa 2). Il-Kumitat tal-Istat tal-Belarus tal-Għassa tal-Fruntiera b'mod partikolari wera impenn kbir, billi uża l-istruttura militari tiegħu biex jimplimenta strettament l-istipulazzjonijiet kollha tal-kuntratt. Madanakollu, ġew innutati problemi prinċipali fil-kuntratt ta' xogħlijiet għall-bini tal-Koslovichi II Border Terminal (It-Terminal tal-Fruntiera Koslovichi II)[11] (ara l-Kaxxa 3).

[11] Il-Kozlovichi international border terminal (It-Terminal tal-fruntiera internazzjonali ta' Kozlovichi ) (li qiegħed ħdejn Brest fir-Repubblika tal-Belarus) hija t-triq prinċipali ta' passaġġ għal vetturi li jittrasportaw il-merkanzija bejn ir-Repubblika tal-Belarus u l-Polonja (Kuritur ta' Trasport Pan-Europew II).

**KAXXA 2**

### EŻEMPJU TA' RIŻULTAT SODISFAĊENTI: UŻU TA' TAGĦMIR MODERN ISAĦĦAĦ IL-KONTROLL TAL-FRUNTIERI

Il-proġetti "Border Management Improvement Ukraine" (Titjib fil-Ġestjoni tal-Fruntieri Ukraina) (kontribuzzjoni tal-UE ta' 4,0 miljun euro) u "Strengthening Border Management in the Republic of Belarus" (Tisħiħ tal-Ġestjoni tal-Fruntieri fir-Repubblika tal-Belarus) (kontribuzzjoni tal-UE ta' 13,3 miljun euro) wasslu fost affarijiet oħra kameras, mikroskopji, strumenti għall-verifikazzjoni tad-dokumenti, vetturi, tagħmir tal-IT li jinkludi skambji telefoniċi awtomatiċi għall-unitajiet tal-fruntieri u hardware biex isiru kontrolli online, pereżempju, ta' persuni suspettużi jew vetturi misruqa. L-oġġetti ta' investiment kollha ċċekkjati kienu fil-post skont ir-reġistru tal-inventarju, bit-tabelli u użati għall-għan intiż.

**15.** Il-proġett finanzjarjament l-aktar sinifikanti fil-qasam tal-libertà, sigurtà u ġustizzja, il-Missjoni tal-Unjoni Ewropea għall-Għajnuna fil-fruntieri tal-Moldova u l-Ukraina[12] (EUBAM, kontribuzzjonijiet totali tal-UE ta' 19,1 miljun euro) ikkontribwixxiet ħafna lejn il-bini tal-kapaċità tal-għassa tal-fruntiera u s-servizz tad-dwana fil-Moldova u l-Ukraina (ara l-mappa tal-***Anness IV***). Pereżempju, l-"EUBAM" għenet l-implimentazzjoni u s-sorveljanza effettiva ta' reġim tad-dwana ġdid bejn il-Moldova u l-Ukraina, u għalhekk għenet il-glieda kontra l-kuntrabandu u attività illegali bejn il-fruntieri. Riżultat ta' dan instab kuntrabandu kbir li kien jinvolvi t-Transnistria. L-evażjoni illegali tat-taxxi u tad-dazji doganali kienet tikkonċerna pereżempju vetturi, frott u ħaxix u laħam tat-tajr. Għal-laħam tat-tajr biss, l-EUBAM ikkalkulat telf sa 43 miljun euro għall-baġit tal-istat tal-Ukraina jew sa 18-il miljun euro għall-baġit tal-Istat tal-Moldova (il-perijodu Ottubru 2005 sa Mejju 2006).

[12] L-EUBAM ilha mwaqqfa mill-1 ta' Diċembru 2005. L-operazzjonijiet EUBAM huma bbażati fuq Memorandum ta' Ftehim konkluż bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-gvernijiet tal-Ukraina u r-Repubblika tal-Moldova. Fattur li mmotiva dan kien it-theddid min-naħa tar-reġjun ta' Transnistria bis-suppożizzjoni ta' livell għoli ta' attivitajiet kriminali bejn il-fruntiera. L-EUBAM hija implimentata mill-Programm ta' Żvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDP). 16-il Stat Membru tal-UE jikkontribwixxu b'għoti ta' oġġetti/servizzi permezz tas-sekondar ta' persunal professjonali lill-Missjoni (madwar 100 uffiċjal doganali u għassiesa tal-fruntiera). L-EUBAM stabbiliet l-kwartieri ġenerali operattivi tagħha f'Odessa (l-Ukraina) u ħolqot uffiċċju wieħed fuq il-post f'Chisinau (il-Moldova) u ħames uffiċċji oħrajn fuq il-post mal-fruntiera tal-Ukraina/il-Moldova/Transnistria kif ukoll uffiċċju fuq il-post/bażi loġistika fil-portijiet tal-baħar ta' Odessa u Illichevsk.

**KAXXA 3**

### EŻEMPJU TA' RIŻULTAT INSODISAFAĊENTI: AMBITU TA' XOGĦOL IMNAQQAS U DEWMIEN

Fi tmiem l-2006, id-data ta' kompletazzjoni oriġinali, il-Koslovichi II Border Terminal (Terminal tal-Fruntiera Kozlovichi II) (kontribuzzjonijiet tal-UE ta' 14,0 miljun euro) kien għadu jixbaħ sit ta' kostruzzjoni kbir fejn il-parti l-kbira tal-bini kien nofsu lest u t-toroq, iż-żoni ta' parkeġġ u l-bankini kien għad jonqoshom jinbnew. Problemi ta' eżenzjoni tat-taxxa, flimkien ma' ffissar ta' prezz baxx fil-fażi tal-għoti tal-offerti, wasslu għal addendum għall-kuntratt li naqqas ħafna l-ambitu tax-xogħlijiet (pereżempju, xi bini ser jibqa' inkomplet, ser jitlesta biss bħala ġebel u saqaf). Iffinanzjar sostanzjali żejjed huwa meħtieġ biex jitlesta t-terminal tal-fruntiera internazzjonali kif ippjanat u kkuntrattat oriġinarjament.

**16.** L-EUBAM sabet nuqqasijiet kbar biex tassigura prosekuzzjonijiet kriminali għall-kuntrabandu[13] (leġiżlazzjoni insuffiċjenti, komunikazzjoni ineffiċjenti/rwoli mhux ċari tas-servizz tad-dwana statali, servizz tal-għassa tal-fruntiera tal-istat, pulizija tat-taxxa u servizz ta' sigurtà, demarkazzjoni fqira ta' fruntiera ħadra). Il-biċċa l-kbira tal-każijiet ma ġewx imħarrka bħala kriminali, imma biss bħala ksur amministrattiv mingħajr konfiska obbligatorja tal-oġġetti involuti[14]. L-EUBAM irrapportat ukoll li minħabba l-livell tal-korruzzjoni fl-uffiċċji tal-prosekuturi u fil-ġudikatura, il-kuntrabandisti nħelsu u l-oġġetti tal-kuntrabandu ngħataw lura lill-kuntrabandisti.

**17.** Meta l-EUBAM bdiet f'Novembru 2005 kienet iffinanzjata għall-ewwel sitt xhur tagħha mill-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida[15]. Il-mekkaniżmu kien applikat biex jirreaġixxi b'mod rapidu u flessibbli għall-opportunità li nħolqot fl-2005 biex isir avvanz biex jissolva l-kunflitt ta' Transnistria (ara l-Kaxxa 1). Is-suppożizzjoni tal-proġett hija li kontrolli aħjar tal-fruntieri u tad-dwana u s-sorveljanza tal-fruntieri tul il-fruntiera kollha huma elementi kruċjali biex tinstab soluzzjoni paċifika. Jekk din is-suppożizzjoni hix valida jista' jkun evalwat biss fuq tul ta' żmien twil.

**18.** Sussegwentement l-iffinanzjar tal-EUBAM kien ikkaratterizzat mill-użu ta' bosta kuntratti ta' żmien qasir iffinanzjati minn Programmi TACIS ta' Azzjoni Reġjonali. Konsegwenza ta' dan, kuntratti tal-persunal jew ftehim ta' kiri kellhom jiġu aġġornati kull ftit xhur. Il-Kummissjoni ma kinitx ipprevediet proġett daqshekk kbir fuq żmien twil (kważi miljun euro kull xahar) meta pprogrammat l-attivitajiet tagħha fir-reġjun.

**19.** Biex tikkumplementa l-għajnuna mogħtija mill-EUBAM, l-UE qed tiffinanzja x-xiri ta' tagħmir għall-fruntiera taħt il-proġett "Improvement of border controls at the Moldova-Ukraine border" (Titjib tal-kontrolli tal-fruntieri fil-fruntiera bejn il-Moldova u l-Ukraina) (il-proġett Bommoluk, kontribuzzjoni tal-UE ta' 9,9 miljun euro). Din l-attività addizzjonali tqajjem għadd ta' sfidi li għandhom jiġu indirizzati fil-futur, bħal proċessi kumplessi ta' sejħiet għall-offerti[16], l-għażla tal-aħjar post fiżiku għat-tagħmir minħabba t-tul tal-fruntieri u l-assigurazzjoni tal-komplementarità mat-tagħmir iffinanzjat minn donaturi oħra[17]. Barra dan il-Gvernijiet għandhom jagħtu biżżejjed fondi nazzjonali għall-ispejjeż tal-operat u ta' manutenzjoni.

[13] Abbażi pereżempju fuq każ ta' prodotti alkoliċi ta' valur għoli kkontrabandati mir-reġjun ta' Transnistria lejn l-Ukraina.

[14] Il-Piż tal-Evidenza, id-diffikultà li jsiru prosekuzzjonijiet kriminali għal każijiet ta' kuntrabandu fl-Ukraina, Rapport Speċjali mill-EUBAM.

[15] Dan il-mekkaniżmu jista jinbeda f'sitwazzjonijiet meta fil-pajjiżi benefiċjarji kkonċernati jseħħu sitwazzjonijiet ta' kriżi jew kriżi emerġenti, sitwazzjonijiet li joħolqu theddid lil-liġi u li l-ordni, lis-sigurtà tal-individwi, sitwazzjonijiet li jheddu li se jeskalaw f'kunflitti bl-armi jew li jiddestabilizzaw il-pajjiż...

[16] Fi proġett preċedenti għall-Ukraina tagħmir tar-radar u netwerk ta' komunikazzjoni bir-radju (valur totali ta' 5.0 miljun euro) ma setax jinxtara u jitwassal minħabba n-nuqqas ta' suċċess tal-proċeduri ta' sejħiet tal-offerti.

[17] Il-Gvern tal-Istati Uniti alloka 28 miljun dollaru biex itejjeb il-ġlieda kontra ż-żieda tal-armi ta' qerda tal-massa fil-fruntiera tal-Istat ta' bejn l-Ukraina u l-Moldova.

IMMIGRAZZJONI U AŻIL: PROGRESS FQIR F'KUNTEST DIFFIĊLI

**20.** Il-politika tal-UE timmira li tassisti pajjiżi terzi fl-isforzi tagħhom biex itejbu l-kapaċità għall-ġestjoni tal-immigrazzjoni u l-protezzjoni tar-refuġjati, jipprevjenu u jiġġieldu l-immigrazzjoni illegali, jagħtu informazzjoni fuq mezzi legali għall-immigrazzjoni u jsolvu sitwazzjonijiet ta' refuġjati billi jagħtu aċċess aħjar għal soluzzjonijiet li jservu għal żmien twil.

**21.** Il-Belarus, il-Moldova u l-Ukraina jinsabu fil-fruntiera tal-Lvant tal-UE mkabbra. It-tlieta li huma jitqiesu bħala pajjiżi ta' transitu għall-immigrazzjoni illegali fuq skala kbira lejn il-Punent. L-Ukraina b'mod partikolari taffaċċja żieda f'ċaqliq migratorju ta' persuni (kemm legali kif ukoll illegali) li jidħlu u jaqsmu t-territorju tagħha. Eluf ta' migranti illegali jaqsmu l-pajjiż annwalment, fil-biċċa l-kbira permezz tal-fruntiera mar-Russja.

**22.** L-Ukraina hija kronikament nieqsa mill-akkomodazzjoni, partikolarment għal migranti illegali fuq terminu ta' żmien twil. Ir-ripatriazzjoni teħtieġ l-identifikazzjoni tal-persuni mill-awtoritajiet Ukraini u koperazzjoni mill-ambaxxati jew il-konsulati rilevanti li mhux dejjem huma ta' għajnuna. Soluzzjoni oħra tkun l-ammissjoni mill-ġdid, jiġifieri li l-persuni li huma detenuti jiġu aċċettati mill-pajjiż li minnu daħlu illegalment fl-Ukraina. Iżda, ftehim ta' ammissjoni mill-ġdid ma ġiex iffirmat bejn l-Ukraina u r-Russja, is-sors prinċipali tal-migranti illegali tal-Ukraina.

**23.** Il-bżonn ta' akkomodazzjoni xierqa għall-migranti illegali dan l-aħħar saret aktar urġenti, bid-dħul fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008 ta' ftehim ta' ammissjoni mill-ġdid mal-Komunità Ewropea. Fl-2010, wara perijodu tranżitorju ta' sentejn, l-Ukraina ser tiffaċċja l-ħtieġa li tilqa' mijiet jew anke eluf ta' migranti illegali minn pajjiżi terzi, li bħalissa qed jinżammu fil-pajjiżi tal-UE li huma ġirien bħall-Unġerija, is-Slovakkja u l-Polonja, li daħlu fl-UE b'mod illeċitu minn ġo l-Ukraina.

**24.** Il-proġetti fil-qasam sekondarju tal-immigrazzjoni u l-ażil irċivew total ta' kontribuzzjoni tal-UE ta' 16,8 miljun euro (10,2 % tal-għajnuna totali) mill-programmi tal-2000-2005. Il-Qorti vverifikat 10 kuntratti b'total ta' kontribuzzjoni tal-UE ta' 13,8 miljun euro.

**25.** Ir-riżultati miksuba tal-proġetti f'dan il-qasam tal-immigrazzjoni u l-ażil kienu insodisfaċenti l-aktar fir-rigward tal-infrastruttura (ara l-***Anness III***). Objettiv prinċipali tal-UE huwa li tagħti ċentri ta' akkomodazzjoni li jilħqu l-istandards internazzjonali umanitarji għall-migranti illegali kif ukoll għal dawk li jfittxu l-ażil. Fl-Ukraina, minkejja l-għajnuna tal-UE, dan l-objettiv jinsab 'il bogħod milli jintlaħaq:

a) il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni u ta' akkomodazzjoni għall-immigranti illegali fiċ-ċentri eżistenti ta' sikwit kienu 'l bogħod minn aċċettabbli. B'mod ġenerali l-immigranti illegali fl-Ukraina jsofru ħafna minn kundizzjonijiet ta' għajxien ta' ffullar, nuqqas ta' servizzi sanitarji u dieta fqira (ara l-Kaxxa 4).

b) il-kostruzzjoni/titjib ta' faċilitajiet ġodda għall-immigranti illegali ma avanzatx kif ippjanat (ara l-Kaxxa 5);

c) centri ta' akkomodazzjoni temporanji mibnija ġodda għal dawk li jfittxu l-ażil kienu sotto-utilizzati jew mhux użati (ara l-Kaxxa 6).

**KAXXA 4**

### MINKEJJA LI TTAFFEW MIS-SOSTENN TAL-UE, IL-KUNDIZZJONIJIET TA' GĦAJXIEN GĦADHOM INAĊĊETTABBLI GĦALL-MIGRANTI ILLEGALI FIĊ-ĊENTRI TA' AKKOMODAZZJONI EŻISTENTI

Il-proġett "Establishment of Migration Management System in Zakarpattya, Ukraine"[18] (Twaqqif ta' sistema ta' ġestjoni tal-migrazzjoni fiz-Zakarpattya) (kontribuzzjoni tal-UE ta' 2 miljun euro għal żewġ kuntratti) essenzjalment wassal għajnuna bażika lill-migranti: tqassim ta' pakketti ta' ikel u iġeniċi, għajnuna medika, tqassim ta' lbies, proviżjonijiet ta' friex u konsulenza legali. Barra dan, tiswija urġenti, xogħlijiet ta' kostruzzjoni u kull tip ta' spejjeż ta' manutenzjoni kienu ffinanzjati wkoll. Il-proġett fuq kollox huwa azzjoni ta' għajnuna umanitarja u mhux ta' bini tal-kapaċità kif għandu mnejn jissuġġerixxi t-titolu tiegħu.

Wara kważi sena ta' operat, id-Delegazzjoni issorveljat il-proġett fuq il-post (April 2005). Hija rrappurtat li l-kundizzjonijiet għaċ-ċentri ta' detenzjoni f'Pavchino u Chop (il-parti l-qadima tal-bini) kienu inumani u degradanti, li ma jissodisfawx l-istandards minimi ffissati mill-Kunsill tal-Ewropa, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Kumitat għall-Prevenzjoni tat-Tortura u t-Trattament Inuman. Barra dan id-Delegazzjoni sabet evidenza li l-għajnuna umanitarja mwassla mill-proġett mhux dejjem laħqet il-migranti mmirati. Dan wassal għal azzjoni korrettiva mill-awtoritajiet Ukraini.

[18] Ir-reġjun ta' Zakarpattya għandu l-fruntieri mal-Ungerija, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja u huwa kuritur ta' transitu fl-Ukraina għal migranti fi triqthom lejn l-Ewropa tal-Punent.

**26.** Is-sostenibilità taċ-ċentri ta' detenzjoni u akkomodazzjoni hija mfixkla fl-Ukraina minħabba n-nuqqas ta' fondi tal-istat għall-ispejjeż ta' kuljum u tal-manutenzjoni u minħabba li hemm diviżjoni mhux ċara tar-responsabilitajiet bejn is-Servizz Statali tal-Għassa tal-Fruntiera u l-Ministeru tal-Intern.

**27.** Diffikultajiet minħabba r-reġistrazzjoni tal-proġett, l-eżenzjoni tat-taxxa, il-pussess tal-art u l-finanzjament instabu wkoll fil-kostruzzjoni ta' ċentru ta' akkommodazzjoni temporanju għal dawk li jfittxu l-ażil (25 persuna) fil-Belarus[19]. Min-naħa l-oħra, fil-Moldova s-sitwazzjoni kienet aħjar. Ċentru ta' akkomodazzjoni temporanju f'Chisinau kien diġà qed jaħdem kompletament f'Novembru 2005, u joffri 160 post.

[19] Iċ-ċentru jinsab f'Gomel, viċin l-Ukraina fejn hemm komunità li qed tirnexxi ta' refuġjati Afgani.

KAXXA 4

Fiż-żmien tal-verifika ta' Novembru 2006 il-kapaċità (320) f'Pavchino inqabżet b'madwar 100 ruħ. L-imsieħba tal-proġetti lokali rrapportaw li fis-sajf l-iffullar kien ħafna għar u laħaq 700 ruħ b'konsegwenzi negattivi korrispondenti għall-indafa u s -saħħa.

Il-migranti intervistati mill-Qorti qagħdu lura milli jitkellmu b'mod miftuħ. Xorta waħda ġew espressi ilmenti dwar mediċini li ma ngħatawx u l-prattika ta' tfittxijiet minn persuni b'wiċċhom mgħammad. Intwera biċ-ċar ukoll li l-proġett kien għadu ma jissodisfax il-bżonnijiet bażiċi (pereżempju, tisħin biżżejjed, provvista ta' ilma nadif u sħun biżżejjed, ilbies adattat inklużi żraben). Barra dan, ma kienx hemm interpretazzjoni biżżejjed disponibbli fil-kampijiet, u din għamlet il-komunikazzjoni diffiċli bejn il-migranti u l-awtoritajiet.

## IL-ĠLIEDA KONTRA L-KRIMINALITÀ ORGANIZZATA: RIŻULTATI MĦALLTA

**28.** Il-proċess ta' tranżizzjoni ġenerali ta' wara l-komuniżmu fil-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant kien akkumpanjat minn żieda konsiderevoli fil-kriminalità organizzata bħat-traffikar tal-bnedmin, it-traffikar tad-drogi u l-money laundering.

**29.** L-Ukraina u l-Moldova huma pajjiżi ta' sors prinċipali għat-traffikar tan-nisa u tat-tfal bil-għan ta' prostituzzjoni sfurzata fl-Ewropa. Fis-snin reċenti kien hemm ukoll żieda fit-traffikar tal-irġiel, li huma sfurzati, pereżempju, biex jaħdmu bħala ħaddiema. L-iskala sħiħa tal-prattika tibqa' relattivament mhux magħrufa, minħabba n-natura nfisha tal-kriminalità organizzata, u għax ftit persuni huma lesti jew kapaċi jirrapportaw dak li ġralhom lill-awtoritajiet. Dan huwa aggravat min-nuqqas ta' miżuri li jipproteġu x-xhieda. Fir-rigward tat-traffikar tad-droga, il-Belarus, l-Ukraina u l-Moldova huma meqjusa bħala rotot ta' transitu lejn Stati Membri tal-UE. Is-sistemi bankarji qegħdin jintużaw dejjem aktar biex jaħslu d-dħul minn kriminalità serja.

**30.** Il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata kienet responsabbli għal 19,2 miljun euro (11,6 %) tal-fondi totali allokati lill-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja minn programmi għall-perijodu 2000-2005. Il-Qorti vverifikat 10 kuntratti b'kontribuzzjoni totali tal-UE ta' 18,6 miljun euro.

KAXXA 5

### PROGRESS FQIR FIT-TWAQQIF TA' ĊENTRI TA' AKKOMODAZZJONI GĦAL MIGRANTI ILLEGALI

L-għan prinċipali tal-proġett "Capacity Building of Migration Management-CBMM I, Ukraine" (Bini ta' Kapaċità tal-Ġestjoni tal-Migrazzjoni-CBMM I, Ukraina) (kontribuzzjoni tal-UE ta' 3,8 miljun euro) kien li jtejjeb u jgħammar żewġ siti li qabel kienu militari bħala Ċentri ta' Akkomodazzjoni għall-Migranti għal 1 260 ruħ. Il-Kumitat ta' Tmexxija tal-proġett iddeċieda f'Ġunju 2006 li jiddedika flus tal-proġett biss għat-titjib ta' sit minnhom. Sa ma saret il-verifika (Novembru 2006) l-ebda kuntratti ta' xogħlijiet ma ġew konklużi u l-ebda flus ma kienu ntefqu fuq it-titjib, xi tliet xhur wara d-data ta' tlestija oriġinali tal-proġett (1.9.2006). Kienu għadhom għaddejjin it-taħdidiet dwar aspetti fundamentali tat-titjib, pereżempju, kif is-sit għandu jiġi msaħħan u x'soluzzjoni ser tinstab għall-ilma tad-dranaġġ. Il-Kumitat ta' Tmexxija ddeċieda wkoll li jillimita l-għadd ta' djar għal 250. Dan ifisser li l-kapaċità ffinanzjata mill-UE titnaqqas b'madwar 1 000 post b'paragun mal-pjan oriġinali.

**31.** Minkejja bosta suċċessi, il-progress in ġenerali għadu mhux biżżejjed fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata (ara l-***Anness III***). Il-proġetti biex jiġġieldu t-traffikar ta' bnedmin kellhom komponenti dgħajfa ta' kriminalizzazzjoni u ta' prosekuzzjoni[20] (ara l-paragrafi 34 u 35). L-overlapping huwa fattur prinċipali, peress li bosta donaturi huma interessati li jiffinanzjaw proġetti f'dan il-qasam (ara l-paragrafu 36). Dwar il-kontroll tad-drogi, il-proġetti mxew 'il quddiem bil-mod fl-oqsma tal-leġiżlazzjoni u tal-intelliġenza tal-pulizija (ara l-paragrafu 40). Fir-rigward tal-prevenzjoni tal-money laundering u l-iffinanzjar tat-terroristi, sfida sinifikanti hija li tinkiseb prosekuzzjoni ta' suċċess (ara l-paragrafu 44).

[20] Il-proġetti ta' kontra t-traffikar kellhom tliet komponenti standard: il-protezzjoni u l-integrazzjoni mill-ġdid; il-kriminalizzazzjoni u l-prosekuzzjoni; u t-tqajjim ta' kuxjenza. It-terminu kriminalizzazzjoni huwa użat ta' sikwit fid-dokumentazzjoni tal-proġett.

### Il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin

**32.** Il-Gvernijiet tal-Ukraina u l-Moldova esprimew l-impenn tagħhom biex jiġġieldu kontra t-traffikar tal-bnedmin f'dokumenti tal-politika tal-pajjiż. Proġett minnhom ġie vverifikat fl-Ukraina (kontribuzzjoni tal-UE ta' 1,9 miljun euro) u tliet proġetti (li jinkludu ċ-ċentru ta' riabilitazzjoni għall-vittmi tat-traffikar) fil-Moldova (kontribuzzjoni totali tal-UE ta' 1,2 miljun euro).

**KAXXA 6**

### SOTTO-UTILIZZAZZJONI TA' ĊENTRI ĠODDA MIBNIJA GĦAL DAWK LI JFITTXU L-AŻIL

Fl-Ukraina, fi tmiem l-2006, xi 65 persuna addizzjonali biss setgħu jingħataw alloġġ f'ċentri ta' akkomodazzjoni temporanji (TACs) minflok it-350 ippjanati (kontribuzzjoni tal-UE ta' 1,6 miljun euro għall-"Strengthening the Asylum systems of Ukraine and Moldova) (Tisħiħ tas-Sistemi ta' Ażil tal-Ukraina u tal-Moldova). Ir-raġuni prinċipali kienet li ċ-ċentru f'Odessa kien nofsu biss użat minħabba nuqqas finanzjament mill-istat tal-ispejjeż ta' kuljum, u li ċ-ċentru ta' 80 persuna f'Mukachevo baqa' kompletament vojt għal aktar minn sena u nofs, fil-fatt sa mill-ftuħ tiegħu f'April 2005. Din is-sitwazzjoni ta' ħela f'Mukachevo rriżultat min-nuqqas persistenti li jiġi trasferit il-pussess tal-bini mill-Gwardjani tal-Fruntiera lill-istituzzjonijiet imsieħba fil-proġett. Sadattant, dawk li jfittxu l-ażil li m'għandhomx mezzi privati kienu qed jgħixu f'tined u f'faċilitajiet fuq terminu ta' żmien qasir ġestiti mill-Gwardjani tal-Fruntiera.

**33.** Bil-għajnuna tal-proġetti, kampanji ta' kuxjenza pubbliċi fuq skala kbira twettqu fil-Moldova u l-Ukraina (pereżempju, prestazzjonijiet teatrali, bosta pubblikazzjonjiet, linji tat-telefon mingħajr ħlas), u għajnuna umanitarja ngħatat lil mijiet ta' vittmi ta' traffikar (pereżempju, għajnuna legali, għajnuna medika, konċessjonijiet għad-dar, għajnuna ta' trasport, taħriġ vokazzjonali, għotjiet ta' oġġetti għal intrapriżi żgħar li bdew joperaw). Għalhekk l-aspetti ta' prevenzjoni u ta' integrazzjoni mill-ġdid kienu koperti tajjeb mill-proġetti.

**34.** Ir-riżultati kienu inqas pożittivi fir-rigward tal-komponenti tal-kriminalizzazzjoni u tal-prosekuzzjoni, b'mod partikoalri f'dak li għandu x'jaqsam mal-qsim tal-informazzjoni bejn aġenziji li jinfurzaw il-liġi. Fl-Ukraina, dawk li jissorveljaw it-TACIS innutaw li s-Servizz Statali tal-Għassa tal-Fruntieri ma kienx qed jikkopera f'inizjattivi ta' skambju ta' informazzjoni. Il-miżura biex il-punti tal-kontrolli tal-fruntieri jiġu mgħammra bis-sistema i24/7[21] falliet meta l-proċess ta' sejħiet tal-offerti ġie ikkanċellat minħabba li l-partijiet interessati tal-Ukraina insistew fuq fornitur li l-prezzijiet tiegħu kien bil-wisq ogħla mir-rata tas-suq.

**35.** Il-kisba tal-evidenza hija sfida prinċipali, minħabba li l-att kriminali ta' sikwit iseħħ barra l-Moldova jew l-Ukraina. Awtoritajiet Nazzjonali waħħlu fid-dewmien minn pajjiżi oħra biex jirrispondu għal talbiet ta' għajnuna reċiproka. Biex jgħin biex tali barrieri ta' proċedura jiġu evitati, il-proġett ħallas għal żjarat ta' networking għall-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi f'pajjiżi ta' transitu u ta' destinazzjoni ta' vittmi. Barra dan, uffiċjali tal-pulizija ħadu sehem f'workshops dwar tekniki investigattivi u l-leġiżlazzjoni kontra t-traffikar ġiet reveduta. Nuqqasijiet f'arranġamenti ta' għajnuna reċiproka għadhom jippersistu.

**36.** Hemm tħassib dwar l-effiċjenza u l-ekonomija. Peress li bosta organizzazzjonijiet donaturi huma lesti li jiffinanzjaw il-ġlieda kontra t-traffikar tal-persuni, hija sfida li tiġi evitata duplikazzjoni bla bżonn ta' azzjonijiet u li jiġi assigurat użu effettiv tar-riżorsi b'relazzjoni mal-ispejjeż. Fil-Moldova, pereżempju, ċerti attivitajiet ta' proġett kellhom jitbiddlu, u kera li mhux is-soltu li tkun daqshekk għolja tħallset għall-bini taċ-Ċentru ta' Riabilitazzjoni f'Chisinau[22]. Barra dan, mhux dejjem possibbli li ssir distinzjoni ċara bejn ir-riżultati ta' għajnuna tal-UE minn dawk ta' organizzazzjonijiet oħra, li jagħmilha diffiċli li tiġi evalwata l-effettività tal-infiq tal-UE.

[21] Sistema ta' komunikazzjoni globali INTERPOL li taħdem 24 siegħa l-ġurnata.

[22] L-ammont ibbaġitjat għall-ikel u l-akkomodazzjoni kien aktar mid-doppju tal-ammont ibbaġitjat għal servizzi paragunabbli fiċ-Ċentru ta' Riabilitazzjoni ekwivalenti f'Kiev.

**Kontroll tad-Drogi**

**37.** Proġett ieħor sinifikanti fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata jissejjaħ "Drug Control Multisectoral Assistance and Institution Building in Ukraine, Moldova and Belarus" (Għajnuna Multisettorali fil-Kontroll tad-Drogi u Bini ta' Istituzzjoni fl-Ukraina, fil-Moldova u fil-Belarus)(BUMAD). Il-BUMAD hija attività multi-annwali fi tliet fażijiet li bdiet fl-2003 u mistennija tintemm fi tmiem l-2008 (kontribuzzjoni ġenerali tal-UE ta' 6,5 miljun euro).

**38.** Dan il-programm, li jkopri l-Ukraina, il-Moldova u l-Belarus, huwa t-tielet f'serje ta' programmi reġjonali ffinanzjati mill-UE mfassla biex jiffiltraw it-traffiku tal-eroina għaddej lejn il-Punent mill-Afganistan lejn l-UE[23]. L-objettiv ġenerali huwa li jitnaqqas it-traffikar tad-drogi minn u ġot-tliet pajjiżi lejn l-Istati Membri tal-UE.

[23] L-ewwel programm, CADAP, beda fl-Asja Ċentrali fl-2000, it-tieni, SCAD, fin-Nofs-in-nhar ta' Caucasus fl-2001.

**39.** Bosta mill-attivitajiet previsti taħt is-sub-proġetti differenti twettqu (pereżempju l-għajnuna legali, kontroll tal-port tal-baħar (Ukraina), kontroll tal-fruntiera tal-art, prevenzjoni tal-pulizija u l-komunità). L-istampa ġenerali fi tmiem it-tieni fażi (Jannar 2007) hija li sar progress tajjeb fl-istabbiliment ta' strutturi nazzjonali kontra d-drogi, pereżempju l-Osservatorji Nazzjonali tad-Drogi, korsijiet fil-prevenzjoni tad-drogi fl-Akkademji tal-Pulizija rispettivi jew taħriġ fit-tnaqqis tad-domanda tad-droga f'bosta NGOs fit-tliet pajjiżi.

**40.** Ġie nnutat progress bil-mod fil-komponenti tal-leġiżlazzjoni u l-intelliġenza tal-pulizija. Il-koperazzjoni neċessarja bejn id-dwana, l-għassiesa tal-fruntieri, il-pulizija u s-servizzi sigrieti għal investigazzjonijiet kriminali effettivi għadha mhix żviluppata biżżejjed fit-tliet pajjiżi. L-istabbiliment ta' sistemi nazzjonali biex isostnu l-investigazzjoni kriminali ta' traffikaturi tad-droga jeħtieg mhux biss għodod analitiċi xierqa, imma wkoll grad għoli ta' koperazzjoni fost l-aġenziji li m'għandhomx drawwa jaqsmu *data* operazzjonali b'mod sistematiku. Żbilanċi f'poteri investigattivi huma kumplikazzjoni oħra. Ostaklu partikolari fil-Belarus huwa n-nuqqas ta' rieda apparenti min-naħa tas-servizz ta' sigurtà biex jaċċetta softwer analitiku barrani. Il-Kummissjoni, meta kienet qiegħda tippjana l-proġett, stmat inqas il-ħin meħtieġ biex tbiddel metodi ta' xogħol u biex tegħleb ir-rivalità bejn il-korpi ta' nfurzar.

**41.** Sad-data tat-tlestija tal-BUMAD 2 (Jannar 2007), il-qbid ta' eroina u ta' kokaina kien modest. Inkixfu biss żewġ sforzi internazzjonali għat-traffikar tal-eroina fl-Ukraina, bl-għajnuna ta' softwer imwassal mill-proġett. Qbid ta' drogi fit-tliet pajjiżi kollha kienu jikkonċernaw b'mod prinċipali żerriegħa tal-peprin u kannabis prodotti lokalment. Madankollu f'Lulju 2007 s-Servizz tas-Sigurtà Ukrainjana rrapporta li, b'koperazzjoni mal-Aġenzija tal-Infurzar tad-Droga tal-Istati Uniti u mal-organizzazzjonijiet tal-infurzar tal-liġi Torka, 174 kg eroina kienet ikkonfiskata fil-Port ta' Illichevsk.

### Proġetti kontra l-money laundering/iffinanzjar tat-terroriżmu

**42.** L-objettiv ġenerali tal-proġett kontra l-money laundering fl-Ukraina ("Project against money laundering in Ukraine") (Proġett kontra l-money laundering fl-Ukraina) (kontribuzzjoni mill-UE ta' miljun euro) kien li jipprevjeni l-użu tas-sistema finanzjarja biex taħsel id-dħul minn kriminalità serja u biex l-awtoritajiet Ukrainjani jkunu jistgħu jikkooperaw fil-glieda kontra l-money laundering.

**43.** Il-proġett għen sabiex tinkiseb it-tneħħija sinifikanti ħafna tal-Ukraina mil-lista tal-Pajjiżi u Territorji Mhux Kooperattivi ("Non-Cooperative Countries and Territories"[24]) fi Frar 2004 u l-aċċettazzjoni tal-Ukraina bħala membru mill-Grupp Egmont[25] f'Ġunju 2004. Barra minn hekk sa tmiem il-proġett il-Kumitat tal-Istat għall-Monitoraġġ Finanzjarju (SCFM) kien qiegħed jaħdem bħala l-Unit tal-Intelliġenza Finanzjarja tal-Ukraina (FIU)[26]. Tabilħaqq, tul is-snin sal-2006, l-għadd ta' riferimenti ta' każijiet, sottomessi mill-SCFM lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, żdied b'mod konsiderevoli (18 fl-2003; 446 fl-2006).

**44.** It-twaqqif ta' FIU huwa biss kundizzjoni importanti inizjali fil-ġlieda kontra l-money laundering. Hemm ukoll il-ħtieġa għall-aġenziji ta' infurzar tal-liġi u ta' mħallfin mħarrġa li jaħdmu b'mod effettiv. Problema kbira ħafna hija n-nuqqas ta' prosekuzzjoni sodisfaċenti. Sa tmiem l-2006 ngħataw tliet verdetti biss mill-qrati dwar money laundering. In-nuqqas ta' reġim modern tal-qbid u l-konfiska ta' attiv kien ukoll idendifikat bħala vojt serju fis-sistema kontra l-money laundering. Madankollu l-Ukraina hija aktar avvanzata fil-ġlieda kontra l-money laundering u l-finanzjament tat-terroriżmu milli l-Moldova, fejn jeżisti tħassib serju dwar l-effettività tas-sistema fis-seħħ (eż. dgħufijiet fiċ-Ċentru għall-Ġlieda kontra l-Kriminalità Ekonomika u l-Korruzzjoni jew użu insuffiċjenti ta' dispożizzjonijiet għall-ħtif, l-iffriżar u l-konfiska)[27].

[24] L-inizjattiva tal-Pajjiżi u Territorji Mhux Kooperattivi (Non-Cooperative Countries and Territories) (NCCT) kienet żviluppata minn Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja inter-governattiva (FATF) biex tiżgura li miżuri għall-prevenzjoni, is-sejba u l-kastig tal-money laundering skont standards irrikonoxxuti b'mod internazzjonali huma applikati.

[25] Ħafna pajjiżi madwar id-dinja ħolqu aġenziji governattivi speċjalizzati, magħrufa bħala Unitajiet tal-Intelligenza Finanzjarji (FIU). Ir-rikonoxximent tal-benefiċċji inerenti fl-iżvilupp ta' netwerk FIU, fl-1995, grupp ta' FIUs fil-Palazz Egmont Arenberg fi Brussell iddeċieda li jwaqqaf grupp informali għall-istimolu ta' koperazzjoni internazzjonali. Magħruf issa bħala l-Grupp Egmont, dawn l-FIUs jiltaqgħu b'mod regolari biex isibu modi sabiex jikkooperaw, b'mod speċjali fl-oqsma ta' skambju ta' informazzjoni, taħriġ u qsim ta' kompetenza. Hemm madwar 100 pajjiż b'FIUs operattivi rikonoxxuti.

[26] Hija r-responsabbiltà ta' FIU li tiġbor u tanalizza tranżazzjonijiet suspettużi u ta' limitu. Is-setgħat investigattivi qegħdin f'idejn aġenziji ta' infurzar tal-liġi.

[27] It-Tielet Rapport ta' Evalwazzjoni Reċiproka fuq il-Moldova, Settembru 2007, imħejji mill-MONEYVAL (Kumitat ta' Esperti fuq l-Evalwazzjoni ta' Miżuri Kontra l-Money laundering, taħt l-awspiċji tal-Kunsill tal-Ewropa).

## ĠUDIKATURA U GOVERNANZA TAJBA: RIŻULTATI MĦALLTA

**45.** Il-politika tal-UE ssostni r-riforma tal-ġudikatura sabiex tiżgura l-indipendenza, l-imparzjalità u l-effiċjenza tagħha. Barra minn hekk timmira li ssaħħaħ il-koperazzjoni legali mal-UE fi kwistjonijiet ċivili u kriminali. Tagħti wkoll sostenn sabiex tħeġġeġ governanza tajba li tirreferi għall-istruttura, t-tħaddim u l-prestazzjoni ta' awtoritajiet/istituzzjonijiet pubbliċi fil-livelli kollha.

**46.** Il-proġetti li jaqgħu taħt il-qasam tal-ġudikatura u tal-governanza tajba rċevew kontribuzzjoni totali mill-UE ta' 24,8 miljun euro (15,0 % tas-sostenn totali) minn programmi għall-perijodu 2000-2005. Il-proġetti li jaqgħu taħt dan il-qasam kienu jikkonċernaw biss il-Moldova u l-Ukraina. Il-Qorti vverifikat 10 kuntratti[28] b'kontribuzzjoni totali mill-UE ta' 14,2 miljun euro.

**47.** Il-kisba kienet imħallta (ara l-***Anness III***). Xi proġetti wrew riżultati sodisfaċenti inġenerali , pereżempju titjib fl-applikazzjoni tal-liġi ċivili u kummerċjali fil-Moldova (kontribuzzjoni mill-UE ta' 2,2 miljun euro) jew koperazzjoni internazzjonali aħjar fi kwistjonijiet kriminali fl-Ukraina (kontribuzzjoni mill-UE ta' 1,5 miljun euro). B'kuntrast ma' dan, kienu anqas sodisfaċenti r-riżultati miksuba fil-proġett "Reform of Arbitration Courts and Support to Court Administration" (Riforma tal-Qrati ta' Arbitraġġ u Sostenn lill-Amministrazzjoni tal-Qorti) (kontribuzzjoni mill-UE ta' 2,5 miljun euro), b'mod partikolari f'dak li kien jirrigwarda l-forniment ta' tagħmir tal-IT. Xejn ma kien twassal sal-iskadenza oriġinali.

### Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni

**48.** Huma fqar ħafna r-riżultati miksuba sa llum il-ġurnata fi proġetti li jiġġieldu l-korruzzjoni. Il-korruzzjoni hija waħda mill-problemi l-aktar urġenti fil-Moldova u fl-Ukraina u thedded il-qasam kollu li jaqa' taħt il-ġudikatura u l-governanza tajba. Iż-żewġ pajjiżi huma milquta ħafna, b'impatt konsiderevoli fuq is-soċjetà[29]. Is-sistemi legali u amministrattivi fihom nuqqasijiet kbar (eż. nuqqas ta' fiduċja pubblika, indipendenza kompromessa ta' mħallfin, salarji insuffiċjenti, perċezzjoni ta' livell għoli ta' korruzzjoni).[30]

[28] Inkluż kuntratt wieħed li fl-aħħar ma kienx iffirmat, ara l-paragrafu 52(c).

[29] Pożizzjoni 111 għall-Moldova, il-pożizzjoni 118 għall-Ukraina fl-indiċi tal-perċezzjonijiet dwar il-korruzzjoni tal-2007 miġbur minn Transparency International.

[30] Ara pereżempju Ukraine Governance Assessment (Evalwazzjoni tal-Governanza fl-Ukraina), imwettqa fi Frar 2007 minn SIGMA (Appoġġ għal Titjib fil-Governanza u l-Ġestjoni), inizjattiva konġunta tal-OECD u tal-Unjoni Ewropea.

**49.** Fl-1999 u fl-2002 il-Gvern Moldovan kien diġà adotta programmi nazzjonali ambizzjużi biex jiġġieldu l-kriminalità u l-korruzzjoni. Madankollu s-suċċess kien limitat ħafna minħabba riżorsi insuffiċjenti u n-nuqqas ta' mekkaniżmu ta' kontroll effiċjenti. F'Diċembru 2004 l-Parlament adotta strateġija ġdida kontra l-korruzzjoni flimkien ma' pjan ta' azzjoni ġdid biex din tiġi implimentata. F'dak il-mument il-Kummissjoni interveniet permezz tal-ewwel proġett tagħha kontra l-korruzzzjoni fil-Moldova.

**50.** Il-kontribuzzjoni mill-UE kienet attività pilota relattivament żgħira (250 000 euro[31]). Peress li r-riżultati interim kienu sodisfaċenti, il-Kummissjoni ddeċidiet li tiffinanzja proġett ta' segwitu għal tliet snin sal-2009 (kontribuzzjoni mill-UE ta' tliet miljun euro). Il-proġett il-ġdid mexa aktar bil-mod milli kien ippjanat u l-kisba tiegħu wara l-ewwel sena kienet limitata ħafna. Ma kienx inkiseb progress fuq kwistjonijiet prinċipali[32] jew fuq it-twassil ta' tagħmir. Il-proġett kiseb *momentum* biss wara Marzu 2007.

**51.** L-Istati Uniti ffirmaw ftehim ta' 25 miljun dollaru biex isostnu inizjattivi kontra l-korruzzjoni fil-Moldova[33]. Il-Bank Dinji wkoll qiegħed jippjana li jgħin lil miżuri kontra l-korruzzjoni. Il-koordinament tal-isforzi tal-UE malgħajnuna ta' donaturi internazzjonali oħrajn issa huwa sfida prinċipali. Diġà hemm strutturi ta' monitoraġġ paralleli, li jikkompromettu l-kunċett ta' strateġija nazzjonali waħdanija kontra l-korruzzjoni.

**52.** Ħafna donaturi kienu attivi fil-qasam kontra l-korruzzjoni fl-Ukraina. L-ewwel proġetti sinifikanti ffinanzjati mill-UE f'din iż-żona (kontribuzzjoni mill-UE ta' 1,5 miljun euro) bdew fl-2006. Sa sena wara dan il-proġett ta' tliet snin tal-UE , l-għadd ta' attivitajiet mwettqa kien sostanzjalment aktar baxx minn dak previst fil-bidu:

a) l-awtoritajiet tal-Ukraina żviluppaw abbozz ta' pjan ta' azzjoni kontra l-korruzzjoni, mingħajr ma użaw sostenn ta' abbozzar speċifiku offrut mill-proġett[34]. Fi stadju tard biss, f'Ġunju 2007, il-Ministeru tal-Ġustizzja talab evalwazzjoni esperta tal-abbozz. L-esperti kkritikaw in-nuqqas ta' trasparenza tal-proċess ta' abbozzar u kkonkludew li l-abbozz ta' pjan ta' azzjoni kien 'il bogħod milli jkun sodisfaċenti;

[31] Il-proġett għandu żewġ komponenti, wieħed dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-ieħor dwar il-ġlieda kontra l-money laundering/finanzjament tat-terroriżmu.

[32] Reviżjoni ta' struttura ta' monitoraġġ għal strateġija u pjan ta' azzjoni; tnaqqis fil-kunflitt ta' kompetenzi fost il-korpi ta' infurzar ewlenin fl-investigazzjoni u fil-prosekuzzjoni; elaborazzjoni ta' analiżi tar-riskji fi ħdan il-ġudikatura, il-pulizija, l-ispettorat tat-taxxa, id-dwana u l-istituzzjonijiet tas-saħħa u tal-edukazzjoni.

[33] Millennium Challenge Corporation (MCC) Threshold Program Agreement.

[34] Ara t-tieni rapport ta' progress tas-26 ta' Ġunju 2007.

b) ma seħħew l-ebda attivitajiet fir-rigward ta' mekkaniżmu ta' monitoraġġ għall-implimentazzjoni futura tal-pjan ta' azzjoni. Mhix ċara liema istituzzjoni se jkollha l-ġestjoni fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Ma kinitx ittrattata l-kwistjoni ta' monitoraġġ tal-finanzjament ta' partiti politiċi u ta' kampanji elettorali. Ukoll, ma twettaqx stħarriġ tal-opinjoni pubblika ġenerali dwar il-korruzzjoni minkejja xogħol estensiv ta' tħejjija għal dan l-istħarriġ (definizzjoni ta' metodoloġija, laqgħat tal-esperti);

c) filwaqt li l-Kummissjoni stabbiliet biċ-ċar il-ħtieġa għall-promozzjoni ta' involviment pubbliku fl-isforz kontra l-korruzzjoni, hija abbandunat il-pjan ta' żvilupp ta' programm ta' għotja miftuħ għal organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) u organizzazzjonijiet oħra tas-soċjetà ċivili mmirati lejn il-promozzjoni ta' involviment pubbliku fl-isforz kontra l-korruzzjoni. Is-soluzzjoni alternattiva, is-sostenn għat-twaqqif ta' Ċentru ta' Avukatura u ta' Konsulenza Legali, ma twettqitx minħabba problemi proċedurali.

## X'INHUMA R-RAĠUNIJIET EWLENIN GĦAL PRESTAZZJONI INADEGWATA?

**53.** Filwaqt li ħafna proġetti taw riżultati sodisfaċenti, din it-taqsima tagħti r-raġunijiet għall-prestazzjoni inadegwata ta' dawk li ma tawx riżultati sodisfaċenti.

### KISBA LIMITATA TIPIKAMENT MINĦABBA TAĦLITA TA' FATTURI LI JINVOLVU L-PARTIJIET EWLENIN KOLLHA

**54.** Il-verifika wriet li l-kisbiet limitati huma tipikament minħabba taħlita ta' fatturi li jinvolvu l-partijiet ewlenin kollha (il-Kummissjoni, awtoritajiet nazzjonali, istituzzjonijiet internazzjonali). Pereżempju, fil-proġett kontra l-korruzzjoni għall-Ukraina (ara l-paragrafu 52):

a) evalwazzjoni dgħajfa tal-ħtiġijiet mill-Kummissjoni f'kuntest diffiċli u koordinazzjoni ma' donaturi oħra li ma kinitx biżżejjed: partijiet sostanzjali tal-proġett, b'mod speċjali l-għajnuna fl-abbozzar tal-leġiżlazzjoni, ma kinux għadhom tassew mixtieqa mill-Ministeru tal-Ġustizzja. Organizzazzjonijiet oħrajn, b'mod partikolari dawk Amerikani, ukoll jipprovdu għajnuna leġiżlattiva kontra l-korruzzjoni;

b) nuqqas ta' impenn u ta' kofinanzjament mill-awtoritajiet nazzjonali: il-Ministeru tal-Ġustizzja ma rnexxilux jipprovdi uffiċċju adegwat lit-tim tal-proġett, u b'hekk kiser mhux biss il-kundizzjonijiet tal-kuntratt iżda wkoll l-impenn tiegħu espress f'dikjarazzjoni ta' tħaddin separata;

c) ġestjoni dgħajfa mill-kuntrattur li tħabat sabiex waqqaf u żamm it-tim tal-proġett;

d) fatturi esterni: is-sitwazzjoni politika diffiċli wara digriet presidenzjali tat-2 ta' April 2007 dwar elezzjonijiet bikrin flimkien ma' bidla frekwenti fit-tmexxija fil-Ministeru tal-Ġustizzja kkawżaw is-sospensjoni ta' kull attività leġiżlattiva relatati mal-abbozzi ta' liġijiet kontra l-korruzzjoni.

## NUQQASIJIET FIL-ĠESTJONI TAL-PROĠETTI MILL-KUMMISSJONI

**55.** Żewġ fatturi għamlu l-ġestjoni mill-Kummissjoni aktar diffiċli u kabbru r-riskju tal-falliment:

a) il-biċċa l-kbira tal-proġetti kienu taħt ir-responsabbiltà tad-Delegazzjoni f'Kiev. Din id-Delegazzjoni kienet responsabbli għall-ġestjoni tal-proġetti mhux biss fl-Ukraina, iżda wkoll fil-Belarus u fil-Moldova. Persunal fil-qasam ta' libertà, sigurtà u ġustizzja huma kompetenti ħafna, madankollu d-Delegazzjoni ta' Kiev kellha wisq ftit maniġers tal-proġetti biex jitrattaw ma' qasam ta' politika li kien qiegħed jikber malajr, b'għadd ta' proġetti li dejjem jikber. Għalkemm infetħet delegazzjoni ġdida lejn il-Moldova f'Ottubru 2005, bdiet tkun operattiva biss fir-rigward ta' ġestjoni tal-proġetti fis-sajf tal-2007;

b) il-ko-eżistenza ta' sorsi differenti ta' finanzjament għas-sostenn tal-qasam ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (ara l-paragrafi 3 u 4). L-istrument TACIS wera li kien mhux biżżejjed biex jissodisfa d-domanda dejjem tikber għall-finanzjament ta' proġetti. Strumenti differenti, proċeduri u servizzi tal-Kummissjoni xi kultant intużaw għall-istess intervent, u b'hekk ikkawżaw ġestjoni tal-kuntratti ineffiċjenti (ara l-Kaxxa 7).

**KAXXA 7**

### EŻEMPJU TA' ĠESTJONI INEFFIĊJENTI TAL-KUNTRATTI

Punent u l-UE (proċess ta' Söderköping) kien maqsum b'mod artifiċjali bejn żewġ kuntratti li kienu qegħdin iseħħu fl-istess waqt mal-istess kuntrattur. Kuntratt wieħed huwa ffinanzjat mit-TACIS u ġestit mid-Delegazzjoni f'Kiev u l-ieħor huwa ffinanzjat mill-AENEAS u ġestit mill-Kwartieri Ġenerali tal-Kummissjoni fi Brussell (EuropeAid). Id-DĠ JLS, il-ġestjonarju ta' qabel, m'għadux involut.

Il-ko-eżistenza ta' żewġ bażijiet legali b'regoli differenti għall-istess azzjoni mhix koerenti. Pereżempju l-kuntratt AENEAS iffissa r-rata massima permessa ta' kofinanzjament għal 80 % filwaqt li l-kuntratt TACIS jikkofinanzja 90 % tal-ispejjeż eliġibbli totali. Barra dan, il-kuntratt TACIS huwa soġġett għal monitoraġġ estern filwaqt li l-kuntratt AENEAS mhuwiex. Għalhekk il-monituri esterni, li indikaw għadd ta' nuqqasijiet fil-loġika ta' intervenzjoni (eż. nuqqas ta' indikaturi miżurabbli), ma jistgħux jagħtu stampa sħiħa tal-azzjoni.

Il-qasma artifiċjali f'żewġ proġetti hija wkoll ineffiċjenti. Il-piż amministrattiv huwa rduppjat għal kull pass ta' implimentazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni u tal-kuntrattur (proċeduri paralleli għall-għażla ta' proġett, ikkuntrattar, verifika tal-ispejjeż, talbiet għall-pagament, pagamenti, rappurtar). Hija kbira l-ħtieġa għal koordinazzjoni biex ikun evitat il-finanzjament doppju.

**56.** Dawn iż-żewġ problemi strutturali wasslu għal nuqqasijiet fil-proċeduri ta' ppjanar u ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni. Ir-rekwiżiti mhux dejjem kienu evalwati biżżejjed bir-reqqa (ara l-eżempju fil-paragrafu 52a)) jew inkella ttieħdu deċiżjonijiet ta' kofinanzjament mingħajr analiżi fil-fond tal-issodisfar ta' pre-kondizzjonijiet bażiċi. Pereżempju, fil-każ ta' żewġ ċentri ta' akkommodazzjoni għal persuni li jfittxu l-ażil, kwistjonijiet ta' allokazzjoni jew appartenenza ta' art ma kinux iċċarati (ara l-Kaxxa 6 u l-paragrafu 27). Is-sorveljanza mill-Kummissjoni ta' rekwiżiti ta' rappurtar dwar proġetti ma kinitx b'saħħitha biżżejjed (ara l-paragrafu 60). Tħassib kbir huwa n-nuqqas ta' skambju ta' informazzjoni ma' organizzazzjonijiet donaturi oħrajn rigward il-proġetti ppjanati tagħhom biex jevitaw duplikazzjoni mhux meħtieġa fil-programmar u aktar tard fl-implimentazzjoni. Rigward estensjonijiet ta' proġetti, mhux dejjem twettqet analiżi konvinċenti tal-ħtieġa għal aktar żmien u, f'każ wieħed, għal aktar flus.

## NUQQASIJIET FIL-ĠESTJONI TA' PROĠETTI MILL-ORGANIZZAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI

**57.** Għall-biċċa l-kbira tal-kuntratti, il-Kummissjoni għażlet għotjiet mogħtija b'mod dirett lil organizzazzjonijiet internazzjonali, minħabba l-kompetenza partikolari tagħhom fil-qasam ta' libertà, sigurtà u ġustizzja u minħabba l-preżenza ġeografika tagħhom fil-pajjiżi. Riżultat ta' dan, l-organizzazzjonijet internazzjonali għandhom f'idejhom l-implimentazzjoni ta' kuljum tal-proġetti (hekk imsejħa ġestjoni konġunta, ara l-paragrafu 6), għalkemm il-Kummissjoni żżomm ir-responsabbiltà ġenerali għal ġestjoni tajba. Filwaqt li ġeneralment il-prestazzjoni tal-organizzazzjonijiet internazzjonali kienet sodisfaċenti, in-nuqqasijiet li ġejjin kienu nnutati b'relazzjoni għal dan it-tip ta' ġestjoni:

a) wara l-firma ta' kuntratt, l-istituzzjonijiet internazzjonali ta' sikwit iffaċċjaw problemi fit-twaqqif ta' tim ta' proġett, u dan dewwem il-bidu tal-proġett b'bosta xhur;

b) f'każijiet oħrajn id-dewmien kien ikkawżat minn proċessi ta' akkwist twal. Kuntratti ma' organizzazzjonijiet internazzjonali s-soltu jistipulaw li l-akkwist ta' kull oġġett, xogħlijiet jew servizzi jitwettaq mill-organizzazzjoni skont ir-regoli u l-proċeduri tagħha stess. F'każ wieħed il-kuntratt iddikjara li l-proċeduri applikati mill-organizzazzjonijiet internazzjonali m'għandhomx ikunu anqas stretti mir-regoli tal-UE. Din il-klawsola kkawżat proċeduri twal ta' kjarifika, li xekklet proċess ta' akkwist effiċjenti;

c) f'organizzazzjoni internazzjonali waħda li tieħu ħsieb għadd ta' kuntratti, proċeduri amministrattivi twal ikkawżaw pagamenti tard lil fornituri lokali;

d) il-possibbiltà tat-twettiq ta' kontrolli dettaljati fuq in-nefqa fi proġetti implimentati minn organizzazzjoni internazzjonali mhix definita b'mod ċar biżżejjed. Kien hemm okkażjoni fejn il-klawsola tal-verifika fil-Ftehim ta' Qafas Finanzjarju u Amministrattiv (FAFA) man-Nazzjonijiet Uniti kienet interpretata b'mod differenti mill-Kummissjoni u mill-kontrapartijiet tagħha, u dan xekkel il-kontrolli u l-għeluq tal-kuntratt f'waqtu;

e) il-viżibbiltà tal-UE ma nkisbitx f'xi proġetti ġestiti minn organizzazzjonijiet internazzjonali fil-Moldova. Il-benefiċjarji mhumiex dejjem konxji tal-fatt li l-proġetti rċevew finanzjament mill-UE. Il-proġetti mbagħad huma meqjusa biss li jappartjenu lill-organizzazzjonijiet internazzjonali li jġestu. Dan ġej mill-fatt li għandhom rwol implimentattiv dirett u wkoll mill-fatt li paġni tal-web ta' proġett is-soltu jinstabu biss taħt l-indirizz tagħhom.

## IL-KUMMISSJONI SAFEJN GĦANDHA PROĊESS TA' TAGĦLIM STABBILIT SABIEX JIKKUNSIDRA L-ESPERJENZI GĦALL-KONTINWITÀ TAL-GĦAJNUNA FIL-QASAM TA' LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA?

**58.** Il-proċess ta' tagħlim tal-Kummissjoni huwa tal-akbar importanza fil-qasam ta' libertà, sigurtà u ġustizzja peress illi bidla sostenibbli tista' tkun mistennija biss b'approċċ gradwali fuq terminu ta' żmien twil. Proġett ġdid għandu jibni fuq il-kisba u l-esperjenza miksuba fi proġetti ta' qabel u t-tennija ta' żbalji għandha tkun evitata. Bosta eżempji wrew li tassew inkisbu xi tagħlimiet: pereżempju, fil-proġett ġdid "Increased independence, transparency and efficiency of the justice system of Moldova" (Aktar indipendenza, trasparenza u effiċjenza tas-sistema tal-ġustizzja tal-Moldova) (kontribuzzjoni mill-UE ta' 3 miljun euro) il-Kummissjoni ffukat fuq spettru idjaq ta' skopijiet ta' proġetti interrelatati, u b'hekk kien evitat it-tixrid misjub fil-proġett prekursur.

**59.** B'konformità mal-approċċ gradwali meħtieġ, il-Kummissjoni ffinanzjat proġetti b'mod sekwenzjali, eż. tliet proġetti konsekuttivi fil-qasam tal-kontroll tad-drogi. Il-fiches tal-proġetti mħejjija mill-Kummissjoni fi ħdan programmi ġodda s-soltu jkollhom it-taqsimiet "Tagħlimiet miksuba" li fihom tgħaddi informazzjoni minn rappurtar dwar il-progress, evalwazzjoni u monitoraġġ.

## MHUX IL-POSSIBBILTAJIET KOLLHA SFRUTTATI SABIEX TINĠABAR INFORMAZZJONI

**60.** Madankollu f'xi każijiet it-taqsimiet "Tagħlimiet miksuba" kienu dgħajfa. Il-Kummissjoni ma kinitx sfruttat biżżejjed il-possibbiltajiet li tiġbor informazzjoni għall-proċess ta' tagħlim għaliex ir-rapporti ta' progress kienu tard jew inkella ta' kwalità fqira jew inkella ma kinux twettqu evalwazzjonijiet ippjanati. Dawn in-nuqqasijiet juru nuqqas ta' sorveljanza mill-Kummissjoni tal-istipulazzjonijiet rispettivi tal-kuntratti mill-kuntratturi.

**61.** Hija ħaġa pożittiva li l-Kummissjoni għandha kuntratt ma' konsulenti esterni biex jimmonitorjaw proġetti, inklużi żjarat fuq il-post u intervisti mal-partijiet interessati differenti. B'mod ġenerali l-monituri esterni ħadmu tajjeb u ta' sikwit seħħet azzjoni korrettiva fil-ġestjoni ta' kuljum wara r-rimarki tagħhom. Madankollu l-Qorti tinnota żewġ dgħufijiet:

a) xi proġetti ma kinux koperti minn monitoraġġ estern, b'mod notevoli proġetti li jinvolvu kuntratti ta' xogħlijiet jew ta' fornitura u l-proġetti mhux TACIS ġestiti minn Brussell[35]. Ġestjoni mill-bogħod diġà xxekkel segwitu aktar mill-qrib. Minħabba n-nuqqas ta' monitoraġġ il-problema marret għall-agħar. Ir-riżultat ta' nuqqas ta' informazzjoni aġġornata wassal f'każ wieħed għal qbil retro-attiv mill-Kummissjoni dwar bidla sostanzjali fil-baġit kif ukoll għall-estensjoni tal-kuntratt xahar wara li l-ftehim ta' għotja oriġinali kien skada;

b) il-punti totali tal-monitoraġġ għal xi wħud mill-proġetti vverifikati kienu pożittivi żżejjed.

[35] B'mod ġenerali proġetti taħt limitu ta' miljun euro ma kinux koperti.

## L-ESPERJENZA MIKSUBA MHUX DEJJEM RIFLESSA FI PROĠETTI ĠODDA

**62.** F'xi każijiet esperjenzi miksuba fi proġetti ta' qabel kienu riflessi b'mod insuffiċjenti fi proġetti ġodda. Dan ġara b'mod partikolari meta l-ġestjoni tal-proġett inbidlet minn servizz tal-Kummissjoni għal ieħor. Riżultat ta' dan, proġetti ġodda kultant iffaċċjaw l-istess problemi bħal dawk ta' proġetti minn programmi ta' qabel, żbalji kienu mtennija jew inkella ma kien hemm l-ebda kontinwità bejn il-fażijiet tal-proġett (ara l-Kaxxa 8):

**KAXXA 8**

### ESPERJENZI MIKSUBA TRASFERITI B'MOD INSUFFIĊJENTI FI PROĠETTI ĠODDA

a) Dwar il-proġett "Establishment of Migration Management System in Zarkapattya" (Twaqqif ta' Sistema ta' Ġestjoni tal-Migrazzjoni fiz-Zarkapattya) (Ukraina) l-esperjenza speċifika tal-ewwel proġett ma kinitx fattur deċiżiv fil-proċess tal-Kummissjoni għall-evalwazzjoni tal-proposta għat-tieni proġett. Filwaqt li l-proposta spjegat fil-qosor kif l-azzjoni kienet intenzjonata biex tibni fuq ir-riżultati tal-azzjoni ta' qabel, il-Kummissjoni evalwatha bħallikieku kienet azzjoni ġdida. Ma eval-wawx jekk id-dokumenti ta' ppjanar ħadux kont tar-riskji li mmaterjalizzaw fil-proġett prekursur. Pereżempju, ir-rwol, il-kondotta u wkoll il-problemi baġitarji tas-servizz tal-għassiesa tal-fruntieri fl-amministrazzjoni taċ-ċentri ma kinux ikkunsidrati. Il-kwistjoni dwar kif il-proġett għandu jibni aħjar il-kapaċità kien imissha ġiet ittrattata f'aktar dettall;

b) il-proġett "Capacity Building of Migration Management-CBMM II" (Bini ta' Kapaċità ta' Ġestjoni tal-Migrazzjoni) (Ukraina) tħejja mingħajr biżżejjed konsiderazzjoni tal-esperjenza miksuba fil-proġett ta' qabel. Għalkemm tfaċċaw problemi sostanzjali ta' implimentazzjoni f'dan l-ewwel proġett, il-Kummissjoni ffirmat ftehim ta' għotja għal proġett ta' segwitu fi stadju bikri. Ma kienx loġiku li wieħed jirreplika bejn wieħed u ieħor proġett li kien qiegħed jiffaċċja sfidi qawwija ta' implimen-tazzjoni, b'mod speċjali meta l-iskeda għat-tlestija kienet limitata;

c) il-"Koslovichi II Border Terminal project" (proġett tat-Terminal tal-Fruntiera Koslovichi II) (ara l-Kaxxa 3) żvela diffikultajiet fil-kisba ta' offerti fi ħdan baġits ta' sejħiet għal offerti u fil-kisba ta' eżenzjoni mit-taxxa tal-valur miżjud. Dawn iż-żewġ problemi kienu enfasizzati f'Rapport Speċjali mill-Qorti tal-Awdituri li kien ippubblikat f'Novembru 2001[36] dwar il-programm ta' koperazzjoni transkonfinali TACIS.

[36] Ir-Rapport Speċjali Nru 11/2001 dwar il-programm ta' koperazzjoni transkonfinali TACIS flimkien mar-risposti tal-Kummissjoni (ĠU C 329, 23.11.2001).

# KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

## IS-SOSTENN TAL-UE GĦAL PROĠETTI GĦAL-LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA FIL-BELARUS, FIL-MOLDOVA U FL-UKRAINA SAFEJN KIEN TA' SUĊĊESS?

**63.** Il-biċċa l-kbira tal-proġetti vverifikati tal-Belarus[37], tal-Moldova u tal-Ukraina kisbu riżultati sodisfaċenti (ara l-***Anness III***). Madankollu l-ambitu tagħhom kien limitat meta mqabbel mal-iskala tal-problemi li kellhom jindirizzaw u s-suċċess kien ivarja, saħansitra bejn komponenti fi ħdan l-istess proġett. B'mod ġenerali l-progress kien aktar bil-mod milli mistenni mill-Kummissjoni, u l-maġġoranza l-kbira tal-proġetti kienu estiżi b'bosta xhur, xi wħud minnhom saħansitra b'aktar minn sena.

[37] Minħabba nuqqas ta' rispett għad-demokrazija u għad-drittijiet tal-bniedem, l-għajnuna lill-Belarus kienet limitata għal proġetti ta' koperazzjoni umanitarja, transkonfinali u reġjonali (ara l-paragrafu 7).

**64.** L-aħjar prestazzjoni kienet fil-qasam ta' "Ġestjoni tal-Fruntieri". Is-sostenn mill-UE tejjeb b'mod sostanzjali l-kapaċitajiet tal-ġestjoni transkonfinali tal-Belarus, tal-Moldova u tal-Ukraina. Madankollu l-għan fuq terminu ta' żmien twil ta' sistema moderna ta' ġestjoni tal-fruntieri li tixbah lill-prattika tajba Ewropea għadu xi ftit 'il bogħod. Il-kwistjoni prinċipali hija li s-suċċess tal-bidu jinqaleb għal titjib operattiv sostenibbli (ara l-paragrafi 11 sa 19).

**65.** Il-proġett xempju Ewropew fil-qasam tal-għajnuna fil-fruntieri, EUBAM, ħadem tajjeb. Ir-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitt ta' Transnistria hija, madankollu, kompitu fuq terminu ta' żmien twil li jeħtieġ miżuri ta' politika lil hinn minn kontrolli fil-fruntieri u tad-dwana u minn sorveljanza fil-fruntieri (ara l-Kaxxa 1).

**66.** Il-prestazzjoni ma kinitx sodisfaċenti fil-qasam ta' "Migrazzjoni u Ażil", l-aktar fir-rigward tal-infrastruttura. Fl-Ukraina sar partikolarment bil-mod il-progress fl-għoti ta' kenn adegwat li jirrispetta l-istandards umanitarji internazzjonali għal migranti illegali u persuni li jfittxu l-ażil. Il-qsim ta' responsabbiltajiet fil-livell nazzjonali jibqa' mhux ċar u l-Gvern alloka fondi insuffiċjenti għall-infrastruttura u spejjeż tal-operat (ara l-paragrafi 20 sa 27).

**67.** Inkisbu riżultati mħallta fil-qasam tal-"Ġlieda kotra l-kriminalità organizzata". Minkejja bosta suċċessi, il-kisbiet ta' proġetti ma kinux biżżejjed f'dak li għandu x'jaqsam mal-assigurazzjoni ta' prosekuzzjoni effettiva u koperazzjoni mtejba bejn id-dwana, l-għassiesa tal-fruntieri, il-pulizija u s-servizzi sigrieti għal investigazzjonijiet kriminali effettivi (ara l-paragrafi 28 sa 44).

**68.** Fil-qasam ta' "Ġudikatura u Governanza Tajba" ir-riżultati huma mħallta wkoll. Minkejja riformi demokratiċi u titjib miġjub minn sostenn mill-UE, il-Moldova u l-Ukraina għadhom milquta sew mill-korruzzjoni (ara n-noti ta' qiegħ 31 u 32). Il-Qorti tikkunsidra li tinħtieġ bidla fondamentali u fuq terminu ta' żmien twil fir-rieda politika, mentalitajiet, imġiba u attitudni sabiex jinkiseb tnaqqis sinifikanti f'dan il-livell għoli ta' korruzzjoni (ara l-paragrafi 45 sa 52).

**RAKKOMMANDAZZJONI**

Il-Kummissjoni għandha:

a) bil-għan li tikseb titjib operattiv sostenibbli fil-ġestjoni tal-fruntieri, tfittex parir mill-Aġenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni (FRONTEX); fir-rigward ta' aktar sostenn għal tagħmir fil-fruntieri, tiżgura kumplementarjetà ma' tagħmir pprovdut minn donaturi oħra;

b) qabel ma' tirrilaxxa aktar fondi għal ċentri għal migranti illegali u persuni li jfittxu l-ażil, tkun żgura mill-impenn tal-gvern destinatarju biex iħallas għall-anqas l-ispejjeż tal-operat, u b'hekk is-sostennibbiltà tkun żgurata;

c) fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, tiffoka l-attivitajiet tal-proġett aktar fuq il-kwistjoni ta' prosekuzzjoni effettiva (inkluża sistema moderna ta' qbid u konfiska ta' attiv) u tippromwovi qsim aktar sistematiku ta' informazzjoni bejn il-korpi ta' infurzar tal-liġi;

d) tkompli tesplora possibbiltajiet għall-promozzjoni ta' aktar involviment pubbliku fil-politika kontra l-korruzzjoni billi ssostni organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u ċentri ta' konsulenza.

## X'INHUMA R-RAĠUNIJIET PRINĊIPALI GĦAL PRESTAZZJONI INADEGWATA?

**69.** Filwaqt li l-Kummissjoni għandha r-responsabbiltà aħħarija tal-proġetti, il-verifika wriet li fejn instabu kisbiet limitati dawn setgħu jkunu tipikament attribwiti lill-azzjonijiet jew omissjonijiet min-naħa tal-partijiet ewlenin kollha: il-Kummissjoni, awtoritajiet nazzjonali fl-istati destinatarji u kuntratturi li f'dan fil-qasam kienu ta' sikwit organizzazzjonijiet internazzjonali. Fatturi esterni bħal instabbiltà politika wkoll naqqsu r-riżultati tal-proġetti (ara l-paragrafu 54)

**70.** Il-Kummissjoni ma allokatx biżżejjed ħaddiema lid-Delegazzjoni f'Kiev biex titt-ratta il-qasam tal-politika li kien qiegħed jikber malajr u li jeħtieġ ħafna ħaddiema fit-tliet pajjiżi. U kellhom jgħaddu kważi sentejn biex tinbeda ġestjoni operattiva tal-proġetti fid-Delegazzjoni fil-Moldova (imwaqqfa fl-2005). Il-ko-eżistenza ta' bosta strumenti ta' finanzjament mill-UE għall-istess skop, u nuqqas ta' konsistenza bejniethom, xekklu approċċ ta' kwalità. Barra dan, il-Kummissjoni ma ħaditx azzjoni rigoruża kull meta sar evidenti li l-kwalità tal-għajnuna mill-UE kienet tbaxxiet minħabba nuqqasijiet fil-ġestjoni tal-proġetti tal-kuntratturi tal-għotjiet (ara l-paragrafi 55 sa 57).

**71.** Il-gvernijiet destinatarji u l-Kummissjoni ma kkoordinawx biżżejjed l-attivitajiet tal-UE mas-sostenn enormi mogħti minn donaturi oħra. It-trasferiment ta' fondi bla koordinazzjoni minn sorsi differenti jikkawża duplikazzjoni mhux meħtieġa ta' sforzi, approċċi inkonsistenti u inċentiv imnaqqas biex l-ispejjeż jibqgħu baxxi (ara l-paragrafi 36, 51, 54(a)).

**72.** Fil-pajjiżi destinatarji nuqqas ta' impenn fil-livell tal-proġett kien innutat b'mod speċjali fl-oqsma li jaqgħu taħt il-migrazzjoni/ażil u ta' ġudikatura/governanza tajba. Il-Kummissjoni wkoll stmat anqas il-punt safejn fatturi esterni, bħall-fraġilità politika, id-diskontinwità ta' strutturi tal-gvern u, potenzjalment, in-nuqqas ta' perspettiva ta' adeżjoni mal-UE setgħu jipprevjenu t-twettiq ta' objettivi tal-proġetti. Dawn il-fatturi kienu lil hinn mir-responsabbiltà diretta tal-Kummissjoni iżda ma kinux evalwati b'mod adegwat u realistiku fl-evalwazzjoni tar-riskji tagħha (ara l-paragrafi 54b) u d)).

**RAKKOMANDAZZJONI**

Il-Kummissjoni għandha:

a) issaħħaħ il-persunal tagħha fil-qasam ta' libertà, sigurtà u ġustizzja fid-Delegazzjonijiet fil-Moldova u fl-Ukraina u jkollha biżżejjed kompetenza sabiex titratta elementi ta' akkwist u ta' xogħlijiet;

b) tħabrek biex tuża l-istrument ġdid ENP bħala għodda waħdanija u flessibbli għal sostenn lis-settur;

c) teżerċita kontroll aktar rigoruż fuq l-istituzzjonijiet internazzjonali li jaġixxu bħala kuntratturi fir-rigward ta' proċeduri ta' ġestjoni tal-proġetti, bħal mobilizzazzjoni ta' persunal, akkwist, pagamenti, rappurtar, kontroll tan-nefqa u rekwiżit għal viżibbiltà tal-UE;

d) tieħu passi xierqa biex tħeġġeġ u ssostni lill-pajjiżi destinatarji biex iwaqqfu u jeżerċitaw koordinazzjoni effettiva tad-donaturi;

e) issostni l-proġetti fejn l-interess veru ta' pajjiżi destinatarji huwa ċar u attestat b'finanzjament nazzjonali, fost affarijiet oħra; fl-istess ħin tkun aktar realistika f'termini ta' objettivi u tikkunsidra perijodi itwal ta' implimentazzjoni għal proġetti individwali.

## IL-KUMMISSJONI SAFEJN GĦANDHA PROĊESS TA' TAGĦLIM STABBILIT BIEX JIKKUNSIDRA L-ESPERJENZI MIKSUBA GĦALL-KONTINWITÀ TAL-GĦAJNUNA FIL-QASAM TA' LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA?

**73.** Il-Kummissjoni ma sfruttatx għal kollox l-alternattivi biex tieħu t-tagħlim, u l-esperjenza miksuba mhux dejjem kienet riflessa fi proġetti li għadhom kemm bdew u li f'xi każijiet wasslu għat-tennija ta' żbalji qodma (ara l-paragrafi 60 sa 62).

**RAKKOMANDAZZJONI**

Waqt it-tħejjija ta' proġetti ġodda l-Kummissjoni għandha tqis b'mod aktar sistematiku l-esperjenzi miksuba minn proġetti ta' qabel. It-taqsimiet "Tagħlim miksub" għandhom ikunu żviluppati aktar bis-sħiħ f'dokumenti ta' tħejjija. Għandhom ukoll isiru element standard f'applikazzjonijiet ta' għotja minn organizzazzjonijiet internazzjonali.

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tad-19 ta' Novembru 2008.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*

Vítor Manuel da Silva Caldeira
*President*




*Sors*: Il-Kummissjoni Ewropea.

## JHA – ĦARSA ĠENERALI LEJN IL-PROĠETTI (IMPENJATI TAĦT IL-PROGRAMMI 2000 - 2005)

| | Belarus | | Moldova | | Ukraina | | Multi-nazzjonali | | Total | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Għadd ta' Proġetti | Miljun euro | Għadd ta' Proġetti | Miljun euro | Għadd ta' Proġetti | Miljun euro | Għadd ta' Proġetti | Miljun euro | Għadd ta' Proġetti | % | Miljun euro | % |
| Ġestjoni tal-fruntieri (inkluża d-dwana) | 3 | 27 300 000 | 5 | 2 773 635 | 16 | 42 019 884 | 21 | 32 593 501 | 45 | 50,6 | 104 687 020 | 63,2 |
| Migrazzjoni u ażil | 2 | 940 700 | 1 | 794 700 | 5 | 8 628 764 | 9 | 6 472 354 | 17 | 19,1 | 16 836 518 | 10,2 |
| Ġlieda kontra l-kriminalità organizzata (terroriżmu, drogi, money laundering, traffikar tal-bnedmin) | 1 | 1 200 000 | 4 | 4 207 408 | 2 | 6 892 000 | 4 | 6 898 012 | 11 | 12,3 | 19 197 420 | 11,6 |
| Ġudikatura u governanza tajba (inkluża l-ġlieda kontra l-korruzzjoni) | | | 4 | 6 244 015 | 7 | 16 175 935 | 4 | 2 382 483 | 15 | 16,9 | 24 802 433 | 14,9 |
| Oħrajn | | | | | 1 | 172 000 | | | 1 | 1,1 | 172 000 | 0,1 |
| **TOTAL** | 6 | 29 440 700 | 14 | 14 019 758 | 31 | 73 888 583 | 38 | 48 346 350 | 89 | 100,0 | 165 695 391 | 100,0 |

*Sors:* Il-Kummissjoni Ewropea.

# ĦARSA ĠENERALI LEJN KUNTRATTI VVERIFIKATI

| N | Titolu tal-kuntratt | Kontribuzzjoni mill-UE | Pajjiż | Status (Lulju 2007) [1] | Kuntrattur / Sors ta' Finanzjament | Ġudizzju ġenerali fuq ir-riżultati [2] |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | **ĠESTJONI TAL-FRUNTIERI** | | | |
| 1 | Missjoni tal-UE għall-Għajnuna fil-Fruntieri tal-Moldova u l-Ukraina (EUBAM I) | 4 000 000,00 | UA, MD | tlesta fil-21.5.2006 | UNDP / Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida | **Sodisfaċenti** |
| 2 | Missjoni tal-UE għall-Għajnuna fil-Fruntieri tal-Moldova u l-Ukraina (EUBAM II) | 4 000 000,00 | UA, MD | tlesta fil-31.10.2006 | UNDP / RAP 2004 | |
| 3 | Missjoni tal-UE għall-Għajnuna fil-Fruntieri tal-Moldova u l-Ukraina (EUBAM III) | 2 200 000,00 | UA, MD | tlesta fil-31.1.2007 | UNDP / RAP 2003 | |
| 4 | Missjoni tal-UE għall-Għajnuna fil-Fruntieri tal-Moldova u l-Ukraina (EUBAM IV) | 8 885 000,00 | UA, MD | għaddej sa mill-1.2.2007 | UNDP / RAP 2006 | |
| 5 | Tisħiħ tal-Ġestjoni tal-Fruntieri fir-Repubblika tal-Belarus – BOMBEL I | 4 500 000,00 | BL | tlesta fil-31.12.2006 | UNDP / RAP 2001 | **Sodisfaċenti** |
| 6 | Tisħiħ tal-Ġestjoni tal-Fruntieri fir-Repubblika tal-Belarus – BOMBEL II | 8 800 000,00 | BL | għaddej sa mill-1.9.2006 | UNDP / RAP 2003 | |
| 7 | Terminal tal-Fruntiera Kozlovichi II – xogħlijiet | 14 000 000,00 | BL | għaddej sa mit-30.12.2004 | Kuntratt ta' xogħlijiet / CBC 2000; CBC 2002 | **Mhux sodisfaċenti** |
| 8 | Titjib fil-Ġestjoni tal-Fruntieri, l-Ukraina – Lott 1,2 | 2 223 738,00 | UA | tlesta fis-17.7.2005 | Kuntratti ta' forniment / TACIS NAP 2001 | **Sodisfaċenti** |
| 9 | Titjib fil-Ġestjoni tal-Fruntieri, l-Ukraina – Lott 5 | 1 770 555,00 | UA | tlesta fis-17.7.2005 | | |
| 10 | Riforma u Modernizzar tad-Dwana fl-Ukraina | 1 372 500,00 | UA | tlesta fil-15.1.2005 | Kuntratt ta' servizz / NAP 2001 (Programmi ta' Proġetti Żgħar) | **Sodisfaċenti, madankollu prestazzjoni inadegwata fil-komponent** "Sistema Ġdida ta' Tranżitu Kompjuterizzat" |
| | | | **MIGRAZZJONI U AŻIL** | | | |
| 11 | Twaqqif ta' sistema ta' ġestjoni tal-migrazzjoni fiz-Zakarpattya | 1 278 186,41 | UA | tlesta fil-31.12.2006 | Ftehim ta' Għotja /Linja tal-Baġit B7-667 | **Mhux sodisfaċenti** fir-rigward ta' bini ta' kapaċità (azzjoni ta' għajnuna umanitarja) |
| 12 | Titjib ta' Kapaċitajiet fil-qasma ta' ħarsien u trattament ta' rifuġjati u persuni li jfittxu l-ażil fiz-Zakarpatia | 699 942,43 | UA | għaddej sa mill-1.1.2007 | Ftehim ta' Għotja / AENEAS | |
| 13 | Bini ta' Kapaċità tal-Ġestjoni tal-Migrazzjoni – CBMM I | 3 781 505,00 | UA | għaddej sa mill-1.3.2005 | Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni / TACIS NAP 2003 | **Mhux sodisfaċenti** fl-attività ċentrali tagħha (MACs); azzjoni korrettiva mnedija wara żjarat ta' verifika |
| 14 | Bini ta' Kapaċità tal-Ġestjoni tal-Migrazzjoni (it-Tieni Fażi) – CBMM II | 2 767 000,00 | UA | għaddej sa mit-22.7.2006 | | |
| 15 | Tisħiħ tas-Sistemi ta' Ażil tal-Ukraina u tal-Moldova | 1 635 000,00 | UA, MD | tlesta fil-31.12.2006 | UNHCR / TACIS RAP 2002 | **Mhux sodisfaċenti** fl-attività ċentrali tiegħu (Ċentri ta' Akkommodazzjoni Temporanji) għall-Ukraina u għall-Belarus, **Sodisfaċenti** għall-Moldova |
| 16 | Tisħiħ tas-Sistema Nazzjonali ta' Ażil fir-Repubblika tal-Belarus | 365 000,00 | BL | tlesta fil-31.12.2006 | | |
| 17 | Il-Proċess ta' Koperazzjoni Transkonfinali (Proċess Söderköping) – Segretarjat | 147 479,00 | BL, UA, MD | tlesta fit-3.5.2004 | UNHCR / ATA | **Sodisfaċenti**, minkejja d-dewmien. Strateġija ta' ħruġ se titfassal. |
| 18 | Il-Proċess ta' Koperazzjoni Transkonfinali (Proċess Söderköping) – Söderköping I | 762 488,00 | BL, UA, MD | tlesta fit-28.2.2006 | Bord ta' Migrazzjoni Żvediż / Linja tal-Baġit B7-667 | |
| 19 | Il-Proċess ta' Koperazzjoni Transkonfinali (Proċess Söderköping) – Söderköping II a | 1 307 898,00 | BL, UA, MD | għaddej sa mill-1.3.2006 | UNHCR (subkuntratturi IOM u l-Bord ta' Migrazzjoni Żvediż) / AENEAS | |
| 20 | Il-Proċess ta' Koperazzjoni Transkonfinali (Proċess Söderköping) - Söderköping II b | 1 026 000,00 | BL, UA, MD | għaddej sa mill-1.3.2006 | UNHCR (subkuntratturi IOM u l-Bord ta' Migrazzjoni Żvediża) / RAP 2004 | |

[1] L-aħħar missjoni fuq il-post seħħet f'Lulju 2007.

[2] Mhux sodisfaċenti: juri partijiet sinifikanti tal-objettivi speċifiċi li ma nkisbux (kuntratti li tlestew) jew progress kurrenti ħafna anqas milli kien mistenni (kuntratti għaddejjin).

| N | Titolu tal-kuntratt | Kontribuzzjoni mill-UE | Pajjiż | Status (Lulju 2007) [1] | Kuntrattur / Sors ta' Finanzjament | Ġudizzju ġenerali fuq ir-riżultati [2] |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **IL-ĠLIEDA KONTRA L-KRIMINALITÀ ORGANIZZATA** | | | | | | |
| 21 | Għajnuna Multisettorali fil-Kontroll tad-Drogi u Bini ta' Istituzzjoni fl-Ukraina, fil-Moldova u fil-Belarus – BUMAD I | 2 000 000,00 | BL, UA, MD | tlesta fit-30.4.2005 | UNDP/ RAP 2001 | **Sodisfaċenti**, għat-twaqqif ta' strutturi ġodda kontra d-drogi, **Mhux sodisfaċenti** għal leġiżlazzjoni u intelliġenza tal-pulizija |
| 22 | Għajnuna Multisettorali fil-Kontroll tad-Drogi u Bini ta' Istituzzjoni fl-Ukraina, fil-Moldova u fil-Belarus – BUMAD 2 | 2 500 000,00 | BL, UA, MD | tlesta fil-21.1.2007 | UNDP/ RAP 2002 | |
| 23 | Għajnuna Multisettorali fil-Kontroll tad-Drogi u Bini ta' Istituzzjoni fl-Ukraina, fil-Moldova u fil-Belarus – BUMAD 3 | 2 000 000,00 | BL, UA, MD | għaddej sa mill-1.1.2007 | UNDP/ RAP 2004 | |
| 24 | Il-Ġlieda kontra t-Traffikar tan-nisa fil-Moldova | 599 408,00 | MD | tlesta fit-23.6.2004 | Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni / RAP 2000 | **Sodisfaċenti**, madankollu tħassib dwar l-effiċjenza (koinċidenzi ma' donaturi oħra) |
| 25 | Il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Persuni fir-Repubblika tal-Moldova | 300 000,00 | MD | tlesta fit-18.12.2006 | Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni / TACIS RAP 2002 | |
| 26 | Ċentru ta' Rijabilitazzjoni IOM għal Vittmi tat-Traffikar fiċ-Chisinau, u fil-Moldova: rkupru, rijabilitazzjoni u integrazzjoni mill-ġdid permezz ta' kura komprensiva | 308 000,00 | MD | tlesta fit-3.3.2006 | Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni / TACIS RAP 2002 | **Sodisfaċenti**, madankollu tħassib dwar l-ekonomija (kera għoli) |
| 27 | Il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin fl-Ukraina | 1 892 000,00 | UA | tlesta fit-18.6.2006 | Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni / TACIS RAP 2002 | **Sodisfaċenti** għal ħarsien/ integrazzjoni mill-ġdid u l-ħolqien ta' kuxjenza. **Mhux sodisfaċenti** għal kriminalizzazzjoni u prosekuzzjoni |
| 28 | Proġett kontra l-money laundering, finanzjament tat-terroriżmu u korruzzjoni fil-Moldova | 3 000 000,00 | MD | għaddej sa mit-2.8.2006 | Kunsill tal-Ewropa/ NAP 2005 | Bidu **mhux sodisfaċenti**; iżda titjib fil-komponent kontra l-korruzzjoni |
| 29 | Proġett kontra l-money laundering fl-Ukraina | 974 502,00 | UA | tlesta fl-1.7.2005 | Kunsill tal-Ewropa / RAP 1999 | **Sodisfaċenti** |
| 30 | Proġett ta' segwitu kontra l-money laundering u l-finanzjament tat-terroriżmu fl-Ukraina - MOLI-UA-2 | 5 000 000,00 | UA | tlesta fl-1.5.2006 | Kunsill tal-Ewropa / NAP 2005 | |

[1] L-aħħar missjoni fuq il-post seħħet f'Lulju 2007.

[2] Mhux sodisfaċenti: juri partijiet sinifikanti tal-objettivi speċifiċi li ma nkisbux (kuntratti li tlestew) jew progress kurrenti ħafna anqas milli kien mistenni (kuntratti għaddejjin).

| N | Titolu tal-kuntratt | Kontribuzzjoni mill-UE | Pajjiż | Status (Lulju 2007) [1] | Kuntrattur / Sors ta' Finanzjament | Ġudizzju ġenerali fuq ir-riżultati [2] |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **ĠUDIKATURA U GOVERNANZA TAJBA** | | | | | |
| 31 | Proġett ġudizzjarju ċivili u kummerċjali NIS, il-Moldova | 2 194 015,00 | MD | tlesta fid-29.7.2005 | GTZ/ NAP 2001 | **Sodisfaċenti** |
| 32 | Sostenn lill-Istrateġija Nazzjonali tal-Moldova kontra l-Korruzzjoni (PACO Moldova) | 250 000,00 | MD | tlesta fl-14.1.2006 | Kunsill tal-Ewropa/ NAP 2003 | **Sodisfaċenti** (azzjoni pilota) |
| 33 | Programm Konġunt bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill tal-Ewropa għall-Moldova: Sostenn lir-riformi demokratiċi kontinwi 2004 – 2006 | 800 000,00 | MD | tlesta fil-15.12.2006 | Kunsill tal-Ewropa/ NAP 2003 | **Sodisfaċenti**, madankollu tfassil mhux effiċjenti |
| 34 | Indipendenza, trasparenza u effiċjenza miżjuda tas-sistema tal-ġustizzja tar-Repubblika tal-Moldova | 3 000 000,00 | MD | għaddej sa mill-1.10.2006 | Kunsill tal-Ewropa/ NAP 2005 | **Sodisfaċenti**, madankollu nuqqas ta' tagħlim miksub |
| 35 | Riforma tal-Qrati ta' Arbitraġġ u Sostenn lir-Rifoma tal-Amministrazzjoni tal-Qorti | 2 476 000,00 | UA | tlesta fil-31.12.2005 | UNDP/ NAP 2000 | **Mhux sodisfaċenti** |
| 36 | Koperazzjoni Internazzjonali tal-Ukraina f'Kwistjonijiet Kriminali (UPIC) | 1 500 000,00 | UA | għaddej sa mill-1.12.2005 | Kunsill tal-Ewropa/ Nap 2004 | **Sodisfaċenti** |
| 37 | L-Ukraina - Għażla Ġudizzjarja u Proċedura ta' Ħatra, Taħriġ, Responsabbiltà Dixxiplinarja, Ġestjoni ta' Każijiet u Metodi Alternattivi għar-Riżoluzzjoni tat-Tilwim | 2 000 000,00 | UA | għaddej sa mill-31.5.2006 | Kunsill tal-Ewropa/ NAP 2003 | Bidu mhux sodisfaċenti; aktar **sodisfaċenti** sa mill-2007 |
| 38 | Sostenn għal Governanza Tajba: Proġett kontra l-Korruzzjoni fl-Ukraina (UPAC) | 1 500 000,00 | UA | għaddej sa mid-9.6.2006 | Kunsill tal-Ewropa/ NAP 2004 | **Mhux sodisfaċenti** |
| 39 | Koperazzjoni Internazzjonali megħjuna mill-Interpol f'kwistjonijiet Kriminali mill-infurzar tal-Liġi tal-Ukraina | 989 788,00 | UA | għaddej sa mill-15.1.2007 | INTERPOL/NAP 2004 | **Bidu mhux sodisfaċenti;** aktar sodisfaċenti sa minn Ġunju 2007 |
| 40 | Avokatura kontra l-Korruzzjoni u Ċentru ta' Konsulenza Legali fl-Ukraina (ALAC) | 500 000,00 | UA | Proġett imħejji, madankollu l-ebda kuntratt iffirmat | NAP 2004 | **Mhux sodisfaċenti**, attività kkanċellata |
| | **Total tal-kontribuzzjoni mill-UE** | **99 306 004,84** | | | | |

[1] L-aħħar missjoni fuq il-post seħħet f'Lulju 2007.

[2] Mhux sodisfaċenti: juri partijiet sinifikanti tal-objettivi speċifiċi li ma nkisbux (kuntratti li tlestew) jew progress kurrenti ħafna anqas milli kien mistenni (kuntratti għaddejjin).

L-EUBAM għandha l-kwartieri ġenerali tagħha f'Odesa, u sitt uffiċċji fuq il-post fil-fruntiera bejn il-Moldova u l-Ukraina u fil-Port ta' Odesa. Għandha wkoll erba' konsulenti dwar l-analiżi tar-riskji, li tqiegħdu f'Chisinau u f'Kyiv.




*Sors*: Il-Kummissjoni Ewropea.

# IR-RISPOSTI TAL-KUMMISSJONI

## SOMMARJU EŻEKUTTIV

**I.**
L-għajnuna tal-Kummissjoni kellha topera f'kuntesti politiċi u istituzzjonali diffiċli karatterizzati minn amministrazzjoni tat-tip Sovjetika bi bżonn ta' riformi fuq skala kbira.

Minħabba nuqqas ta' rispett lejn id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, l-għajnuna tal-Kummissjoni lill-Belarus hija limitata għal 5 miljun euro fis-sena għal perjodu 2007-2010. Konkluzjonijiet sussegwenti tal-Kunsill jiddikjaraw li l-għajnuna tal-UE lill-Belarus tappoġġa l-ħtiġijiet tal-popolazzjoni u d-demokratizzazzjoni, speċjalment bi proġetti umanitarji, reġjonali, kooperazzjoni bejn pajjiż u ieħor, u minn proġetti li direttament jew indirettament jappoġġaw id-demokratizzazzjoni u l-forzi demokratiċi.

**III.**
Il-Kummissjoni tilqa' l-apprezzament pożittiv tal-Qorti għal proġetti fil-qasam tal-Ġestjoni tal-Fruntieri li tirrappreżenta kważi żewġ terzi tal-piż finanzjarju tal-proġetti. Fil-qasam tal-Immigrazzjoni u l-Ażil kien hemm diffikultajiet fil-komponenti tax-xogħol/fornitura tal-proġetti, b'mod partikolari fl-Ukraina, waqt li l-komponenti tal-bini tal-kapaċità waslu għal kisbiet sodisfaċenti.

**IV.**
L-instabilità politika fir-reġjun kkontribwiet biex tostakola l-proċess. Madanakollu, kisbet limitati seħħew biss għal ċertu proġetti.

Fir-rigward tal-koordinazzjoni ma' donaturi oħra, id-Delegazzjoni fl-Ukraina hija kkunsidrata b'mod unanimu li hija fuq quddiem nett f'dan l-eżerċizzju. Kemm fil-fatt issir koorodinazzjoni tiddependi ħafna mir-rieda tal-partijiet involuti biex jidħlu f'dan il-proċess (xi donaturi, speċjalment mhux mill-UE, iżżommu lura iktar minn oħrajn).

Il-Kummissjoni ħadet f'idejha li tmexxi u ssaħħaħ l-isforzi tal-koordinazzjoni tad-donaturi b'mod sistematiku f'dawn il-pajjiżi, u ospitat konferenza dwar il-koordinazzjoni tad-donaturi madwar ir-reġjun f'Jannar 2008 biex tati bidu għal dan il-proċess.

B'kunsiderazzjoni tal-possibbiltà li jkunu mqabbla l-ispeċifiċitajiet tekniċi tal-proġetti, il-proċess ta' tagħlim kien ikkunsidrat fit-tfassil ta' operazzjonijiet sussegwenti.

Id-Delegazzjoni tal-KE fil-Moldova issa ħadet f'idejha kompletament ir-responsabbilitajiet tal-ġestjoni tal-programm mid-Delegazzjoni ta' Kiev.

**V.**
Il-Kummissjoni tagħraf ix-xogħol tal-Qorti u l-kontribut tagħha fit-tkabbir tal-effettività tal-proġetti.

## L-AMBITU U L-ISKOP TAL-VERIFIKA

**13.**
Il-Kummissjoni tagħraf l-apprezzament pożittiv tal-Qorti dwar il-parti finanzjarjament l-iktar sinifikanti tal-verifika.

**Kaxxa 3- Eżempju ta' riżultati insodisfaċenti: tnaqqis fl-ambitu tax-xogħol u dewmien**
Minkejja d-diffikultajiet imsemmija, il-Kummissjoni ħadet numru ta' miżuri sabiex tiżgura t-tlestija tal-proġett. Il-progress tax-xogħolijiet kien soreveljat mill-qrib u b'mod permanenti sakemm dawn intemmu. Fl-aħħar mill-aħħar, il-kuntratt tax-xogħlijiet tlesta bl-użu sħiħ tal-fondi tal-KE. Iċ-Ċertifikat ta' Aċċettazzjoni Proviżorja tal-kuntratt tax-xogħlijiet iffinanzjati mill-KE għall-bini tal-postazzjoni konfinali tKozlovichi II kien iffirmat mid-Dwana tal-Belarus f'Marzu 2008. Id-Dwana tal-Belarus ħadet id-deċiżjoni li tlesti dawk l-elementi ta' infrastruttura li kienu esklużi wara n-negozjati mal-finanzjament nazzjonali tagħhom (jiġifieri iż-żoni ta' parkeġġ u xi faċilitajiet ta' ħażna). Ix-xogħlijiet rispettivi għadhom qed isiru. B'hekk il-postazzjoni konfinali l-ġdida hija mistenni li tibda topera fil-bidu tal-2009. Ix-xogħlijiet kienu ppjanati biex jippermettu lit-terminal tal-fruntiera l-antik ikompli jintuża waqt il-perjodu tal-bini tal-ġdid, u t-terminal l-antik se jkompli jintuża bħala parti mill-kumpless sħiħ ta' Kozlovich.

**17.**
Il-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida (RRM) jippermetti l-mobilitazzjoni u l-iskjerament ta' riżorsi finanzjarji b'mod rapidu biex tittieħed azzjoni urġenti biex tgħin biex ikunu stabbiliti mill-ġdid jew biex tissalvagwardja l-kundizzjonijiet normali għat-twettiq tal-linji ta' politika fis-seħħ, sabiex tippriżerva l-effettività tagħhom. L-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 381/2001 juri b'mod ċar li l-RRM tista' tiffinanzja azzjonijiet li f'ċirkustanzi normali jaqgħu taħt il-programmi ta' għajnuna regolari. L-għan ewlieni tal-RRM kien li jippermetti lill-Komunità li tirreaġixxi b'mod rapidu għal sitwazzjonijiet ta' kriżi u b'hekk jappoġġja l-politiċi esterni tal-Komunitajiet. L-RRM witta t-triq biex jintużaw programmi regolari sabiex jinkisbu l-għanijiet kumplessivi tal-intervent. Kif imsemmi fit-Termini ta' Referenza tal-EUBAM, kien mifhum sa mill-bidu li wieħed seta' jistenna riżultati tanġibbli biss fi żmien medju jew twil. Din is-suppożizzjoni hija kompletament konformi mal-intenzjoni tar-Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-RRM.

**18.**
Il-programm Tacis ma kienx flessibbli biżżejjed biex jippermetti mobilitazzjoni rapida ta' fondi ewlenin għal perjodu ta' implimentazzjoni itwal. Opportunità għal proġett bħal dan waslet f'Ġunju 2005 meta l-Presidenti tal-Moldova u l-Ukraina ffirmaw ittra konġunta lill-Kunsill u lill-Kummissjoni fejn talbu l-għajnuna. Il-Kummissjoni ħasset li huwa importanti li jkun hemm reazzjoni rapida għal din it-talba. Madanakollu, minħabba l-instabbiltà politika fir-reġjun dak iż-żmien (ir-Revoluzzjoni Oraġjo fl-Ukraina), ma setax ikun evitat li jkunu konklużi ftehimiet għal żmien qasir li jużaw il-fondi disponibbli. Sadanittant, il-mandat tal-Missjoni kien estiż (sal-aħħar tal-2009). Fattur ta' prevedibbiltà kien introdott bid-dħul fis-seħħ tal-ENPI, fil-qafas tal-Programm Indikattiv Reġjonali tal-Lvant 2007-2010. Hija prevista allokazzjoni annwali għall-EUBAM sal-aħħar tal-2009.

**19.**
Il-proġetti BOMMOLUK huma bbażati fuq ir-Rapport tal-Evalwazzjoni tal-Ħtiġijiet u tar-Rakkomandazzjonijiet li analiżżaw il-lakuni u l-bżonnijet tal-awtoritajiet tal-fruntiera nazzjonali fuq il-fruntiera statali Moldova-Ukraina. Vantaġġ distint huwa li t-tagħlimiet miksubin mil-proċess tas-sejħa għall-offerti fi proġetti preċedenti qegħdin jiġu kkunsidrati. Fir-rigward ta' donaturi oħra, kienet żgurata l-komplementarjetà mal-Istati Uniti li kienet iffukata li tagħti għajnuna kontra t-terroriżmu. Qabel ma tkun saret sejħa għal xi tagħmir, il-benefiċjarji għandhom jiżguraw li huma kapaċi joperaw it-tagħmir, u jkopru l-ispejjeż tal-operat u tal-manutenzjoni. L-EUBAM qegħda teżamina bir-reqqa l-kapaċità tas-servizzi tal-imsieħba biex iwettqu l-impenji tagħhom.

**25.**
**a)**
Fuq talba tal-Gvern tal-Ukraina, il-Kummissjoni ddeċidiet li tappoġġja l-Gvern tal-Ukraina. Dan wera impenn qawwi fl-2004 biex itejjeb il-kundizzjonijiet tal-immigranti irregolari u qabel li jappoġġja finanzjarjament lill-Kumitat Statali għan-Nazzjonalitajiet u l-Migrazzjoni biex jistabbilixxi żewġ Ċentri ta' Kustodja għall-Immigranti li jilħqu l-istandards mitluba mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijet Umani u r-rakkomandazzjonijiet tas-CPT.

**Kaxxa 4 – Minkejja li ttaffew bl-appoġġ tal-UE, il-kundizzjonijiet ta' għajxien għall-immigranti illegali fiċ-ċentri ta' akkomodazzjoni eżistenti għadhom inaċċettabli**
Minħabba l-kundizzjonjiet fqar ħafna tal-faċilitajiet taż-żamma temporanja f'Pavshino u Chop, dan il-proġett fl-aħħar mill-aħħar wassal iktar għal għajnuna umanitarja milli għall-bini tal-kapaċità.

Wara ż-żjara tad-Delegazzjoni tal-KE, saret diskussjoni serja mar-rappreżentanti tas-Servizz Statali tal-Għassa tal-Konfini (SBGS) li ħa azzjoni immedjata u beda miżuri korrettivi. Wara ż-żjara tal-Qorti, il-Kummissjoni rrakomandat lill-Gvern tal-Ukraina biex jagħlaq Pavshino minħabba standards baxxi tad-drittijiet tal-bniedem. Sadanittant il-Kabinett tal-Ministri ddeċieda li jagħlaq Pavshino malli jkunu disponibbli faċilitajiet oħra.

**Kaxxa 5 – Progress batut fit-twaqqif ta' ċentri ta' akkomodazzjoni għal immigranti illegali**
Kien hemm dewmien fl-immodernizzar taċ-Ċentri ta' Kustodja għall-Immigranti fi Zhuravychi (Volyn oblast) u Rozsudiv (Chernihiv oblast) minħabba l-instabilità politika (l-hekk imsejħa "Rivoluzzjoni Oranġjo"), il-bidla fil-Ministeru kompetenti fil-perjodu 2004-2005 u n-nuqqas ta' trasferiment ta' riżorsi impenjati.

Id-deċiżjoni biex jitnaqqsu in-numru ta' postijiet ta' akkoljenza mill-1,260 fil-bidu għal 250 kienet ibbażata fuq il-prattika Ewropea billi ġie rikonoxxut li kapaċitajiet iktar għolja jeffettwaw l-operat taċ-Ċentru b'mod negattiv. Fl-2007 sar progress sostanzjali fix-xogħlijiet ta' immodernizzar. Sadanittant, iż-żewġ ċentri ta' kustodja għall-immigranti bdew jaħdmu skont prattiċi Ewropej.

**Kaxxa 6 – Sotto-utilizazzjoni ta' ċentri ġodda mibnija għal dawk li jfittxu l-ażil**

Fl-aħħar tal-2006, kienu disponibbli 250 post ta' akkomodazzjoni għal dawk li jfittxu r-refuġju fiċ-ċentru ta' akkomodazzjoni temporanja ta' Odessa (TAC) grazzi għal proġett "Strengthening the Asylum Systems of Moldova and Ukraine" (It-Tisħiħ tas-Sistemi tal-Ażil fil-Moldova u fl-Ukraina). Huwa minnu li fil-mument tal-verifika biss nofs it-TAC kien qiegħed jintuża minħabba nuqqas ta' ffinanzjar Statali. Fil-każ tat-TAC fi Mukachevo, dan beda jintuża minn Novembru 2007 wara li l-Kummissjoni ikkonvinċiet lill-Gvern tal-Ukraina biex jittrasferixxi l-propjetà tal-art u l-bini mill-SBGS għall-Kumitat Statali dwar in-Nazzjonalitajiet u r-Reliġjon u biex jagħmel finanzi Statali disponibbli għall-operat tiegħu.

**26.**

Il-Kummissjoni qegħda tiffoka fuq l-aspetti finanzjarji fil-laqgħat tagħha mal-Gvern tal-Ukraina. Id-diviżjoni tar-responsabbiltajiet bejn l-SBGS u l-Ministeru tal-Intern hija ddeterminata legalment u ċar: ir-responsabbiltà tal-SBGS tintemm wara għaxart ijiem (detenzjoni għal żmien qasir), wara dan l-immigranti irregolari għandhom jingħataw lill-Ministeru tal-Intern. Madanakollu, billi l-Ministeru ma kien jopera l-ebda Ċentru ta' Kustodja sa ftit żmien ilu, il-liġi ma kinitx applikata u l-SBGS żammet immigranti f'detenzjoni sa 6 xhur, l-itwal perjodu permess mill-liġi tal-Ukraina.

**27.**

It-tisħiħ tal-proġett nazzjonali tas-sistema tal-ażil fil-Belarus iffaċċja problemi amministrattivi u legali li d-Delegazzjoni tal-KE indirizzat u solviet permezz ta' kuntatti mal-amministrazzjoni nazzjonali. It-TAC għal dawk li jfittxu r-refuġju f'Gomel fil-Belarus kien miftuħ uffiċjalment fis-16 ta' Jannar 2008 u issa qiegħed jintuża.

**34.**

Fl-isforz tagħha biex tgħin fil-qsim ta' informazzjoni aħjar bejn dawk li jinfurzaw il-liġi fl-Ukraina, il-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-Interpol minn dak iż-żmien esplorat il-possibbiltà li testendi i24/7 lill-SBGS fl-Ukraina. Madanakollu, għar-raġunijiet relatati mas-sovranità nazzjonali din l-estenzjoni ma kinitx possibbli.

**35.**

L-Ukraina għadha ma rratifikatx il-Konvenzjoni Ewropea dwar il-protezzjoni tad-dejta tal-Kunsill li hija obbligu meta tkun trażmessa dejta personali. Il-Kummissjoni qegħda tħeġġeġ lill-Ukraina biex tirratifika l-Konvenzjoni sabiex tħalli lis-servizzi tal-infurzar tal-liġi jikkoperaw flimkien. In-nuqqas ta' ratifikazzjoni tal-konvenzjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta hija l-unika raġuni għaliex għadu ma ġie ffirmat l-ebda ftehim strateġiku mal-Interpol.

**36.**

Il-Kummissjoni saret attiva fir-reġjun fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin sa mis-sena 2000. Bl-involviment ta' donaturi oħra kontra t-traffikar, il-Kummissjoni ġabet fit-tmiem il-programmazzjoni ta' dawn il-proġetti taħt il-programm bilaterali Tacis. L-aħħar proġett kien dak għall-Belarus taħt in-NAP 2005.

**40.**

Il-proċess leġislattiv kien imfixkel, għallinqas fl-Ukraina, mit-tibdil frekwenti fil-Gvern wara r-Revoluzzjoni Oranġjo. B'mod ġenerali l-proċessi leġiżlattivi jimxu bil-mod fir-reġjun.

**41.**
Fi żmien iż-żjara tal-Qorti l-qbid kien modest. Madanakollu, ir-riżultati tjiebu b'mod sinifikanti minn dak iż-żmien. Fl-2007 l-Ukraina qabdet total ta' 415 kg eroina u 19-il kg kokaina, u fl-ewwel ħames xhur tal-2008, 214 kg eroina u 41 kg kokaina. Fil-Moldova, saret qabda ta' 200 kg eroina fi Frar 2008. Il-proġett tal-KE żgur li kkontribwixxa għall-qbid b'suċċess permezz tal-attivitajiet ta' bini tal-kapaċità tiegħu.

**47.**
"Reform of Arbitration Courts and Support to Court Administration" (Ir-Riforma tal-Qrati ta' Arbitraġġ u s-Sostenn lill-Amministrazzjoni tal-Qorti) wasslet għal riżultati tanġibbli billi dan kien l-ewwel proġett ta' għajnuna ġudizzjarja ta' dan l-ambitu u l-firxa fl-Ukraina u għamel intervent f'kuntest istituzzjonali li għadu ddisinjat fuq il-profil amministrattiv tat-tip Sovjetiku. Xi tibdil operattiv sinifikanti suġġerit mill-proġett kien implimentat mill-Amministrazzjoni tal-Qorti Statali.

L-iżgurar li x-xiri kollu ta' tagħmir isir b'mod trasparenti irriżulta li f'xi każi kienu kkanċellati xi sejħiet, u dan eventwalment wassal għal dewmien.

**50.**
Il-proġett ta' segwitu beda f'Awwissu 2006 u mexa bil-mod minħabba li rriżenja l-konsulent kontra l-korruzzjoni ftit wara l-konferenza ta' bidu u kellu jinbeda reklutaġġ ġdid.

**52.**
Il-kriżi politika tal-2006-2007 effettwat il-pass tar-riformi kif ukoll l-attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni ġdida kontra l-korruzzjoni u l-Pjan ta' Azzjoni kontra l-korruzzjoni. Il-proġett irċieva "bidu ġdid" fl-aħħar tal-2007 meta elezzjonijiet Parlamentari ta' malajr tellgħu fil-poter forzi politiċi favur il-President. Il-pjan ta' ħidma tal-proġett kien rivedut waqt il-laqgħa tal-Kumitat tat-Tmexxija (SG) fid-29.11.2007 u kienet approvata lista ta' attivitajiet ta' prijorità għall-perjodi Diċembru 2007 – Marzu 2009. Parti mill-attivitajiet relatati mal-abbozz u l-addozzjoni tal-leġiżlazzjoni kontra l-korruzzjoni ġew skedati mill-ġdid għall-2008 u l-2009.

**a)**
Il-Pjan ta' Azzjoni Kontra l-Korruzzjoni (ACAP) beda b'għajnuna pprovduta mill-proġett. Madanakollu, sussegwentament il-Ministeru tal-Ġustizzja ddeċieda li jabbozza l-ACAP waħdu. Bħala miżuri ta' segwitu mmirati biex tappoġġja l-implimentazzjoni tal-ACAP, il-proġett ghen fl-abbozz tal-"pakkett kontra l-korruzzjoni". Il-valutazzjoni ta' esperti pprovduta mill-Kunsill tal-Ewropa (KtE) iffoka fuq il-pakkett kontra l-korruzzjoni li fih tliet abbozz ta' liġijiet. Il-kompetenzi mill-President tall-Grupp tal-Istati kontra l-korruzzjoni (GRECO) semmew il-kwalità għolja tal-Abbozz tal-Liġijiet riveduti.

L-esperti kellhom aċċess għall-Pjan ta' Azzjoni Kontra l-Korruzzjoni għal ftit żmien biss qabel ma kien approvat. Għalhekk, ma kien hemm ebda possibbiltà biex ikun suġġerit tibdil fid-dokument. Barra minn dan, l-abbozz tal-liġijiet kellhom jiġu adottati fl-istess żmien tal-pjan ta' azzjoni biex jipprovdu fondament legali għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-Ukraina. L-iskjerament tal-proġett u l-adezjoni tal-Ukraina għall-GRECO servew ta' "katalisti" għall-adozzjoni tal-pjan ta' azzjoni. Madanakollu, kien jidher li bl-adozzjoni tal-pjan ta' azzjoni l-Gvern kellu l-intenzjoni ta' "rapport f'waqtu" dwar l-azzjoni meħuda iktar milli l-intenzjoni li jiġġenera dokument komprensiv imfassal tajjeb li jkun faċli biex jiġi implimentat.

**b)**
L-ACAP kien adottat biss f'Awwissu 2007. Għalhekk ma seta' kien hemm ebda attivitajiet relatati mal-monitoraġġ tal-ACAP fiż-żmien tal-verifika.

L-appoġġ għall-proġett attwalment qiegħed jingħata minn grupp ta' ħidma interistituzzjonali dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li fih rappreżentant mit-tim tal-proġett ġie maħtur bħala membru. Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-ACAP huwa wieħed mill-għanijiet tal-grupp. Il-kwestjoni tal-iffinanzjar tal-partiti politiċi ġiet imqajjma fil-laqgħa tal-Grupp tat-Tmexxija fis-6 ta' Marzu 2007, iżda dan kien sottovalutat mill-Ministeru tal-Ġustizzja.

Rigward l-istħarriġ tal-opinjoni pubblika ġenerali dwar il-korruzzjoni, l-awtoritajiet tal-Ukraina bagħtu talbiet lil numru ta' donaturi internazzjonali f'daqqa mingħajr ma żguraw il-koordinazzjoni neċessarja u d-disseminazzjoni tal-informazzjoni.

**54.**
**a), b), c)**
Il-problema ewlenija kienet fil-fatt is-sitwazzjoni politika diffiċli minn April 2007 sal-aħħar tas-sena. Il-perċezzjoni tal-Qorti tal-valutazzjoni tal-bżonnijiet fl-oqsma tal-ġustizzja/ġudikatura/il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-Ukraina hija essenzjalment ir-riżultat ta' kuntest partikolarment diffiċli u speċifiku, li huwa kkaratterizzat minn livell għoli ta' frammentazzjoni u nuqqas ta' konċentrazzjoni tar-responsabbiltajiet fost entitajiet ta' eżekuzzjoni differenti, u minn nuqqas ta' kull forma ta' koordinazzjoni bejn is-setturi.

Il-proġett kien imfassal u żviluppat flimkien ma' benefiċjarji prospettivi (fost l-oħrajn il-Ministeru tal-Ġustizzja). Għalhekk, l-appartenenza lokali ġiet żgurata mill-bidu nett u kkonfermata taħt il-Gvern attwali, maħtur wara l-elezzjonijiet tal-2007.

It-Tim tal-Proġett stabbilixxa inizzjattivi ta' koordinazzjoni ta' donaturi regolari sabiex ikun hemm qsim tal-informazzjoni; biex jiżguraw il-koerenza fost l-interventi differenti u biex jevitaw id-duplikazzjoni. Id-diffikultajiet inizjali dwar il-persunal intgħelbu u l-kwistjoni tad-disponibbiltà ta' spazju fl-uffiċċju issa hija solvuta taħt il-gvern il-ġdid.

Għandu jkun enfasizzat li l-kofinanzjament mhux obbligu għall-pajjiż destinatarju.

**55.**
**a)**
Id-Delegazzjoni tal-KE fil-Moldova issa ħadet f'idejha kompletament ir-responsabbilitajiet tal-ġestjoni tal-progamm mid-Delegazzjoni ta' Kiev. B'mod ġenerali, il-Kummissjoni taqbel mal-Qorti li persunal adegwat, kemm f'termini ta' numru kif ukoll ta' kapaċitajiet, jirrappreżenta sfida.

**b)**
Għalkemm ħolqot xi ftit kumplessità amministrattiva din l-arkitettura ta' fondi mħallta ma xekklitx lill-proġett ta' Söderköping milli jasal għal riżultati sodisfaċenti, kif rikonoxxut mill-Qorti.

**Kaxxa 7 – Eżempju ta' ġestjoni ta' kuntratt ineffiċjenti**
It-tqassim tal-proġett Söderköping, it-tielet fażi, bejn il-programm AENEAS u Tacis saret minħabba li ebda programm ma kellu biżżejjed fondi disponibbli biex jippermetti proġett komplut li kien partikolarment importanti wara t-tkabbir tal-UE fl-2004 sabiex jippromwovi l-kooperazzjoni transkonfinali fil-qasam tal-ażil, il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri u sabiex jevitaw li tingħata impressjoni li l-UE qegħda tibni purtiera ġdida tul il-fruntiera esterna ġdida tal-UE.

**56.**
Huwa veru li l-imsieħba tal-Kummissjoni fl-implimentazzjoni ma eżaminawx sew il-kwestjoni tal-allokazzjoni u l-pussess tal-art. Madanakollu, malli l-Kummissjoni saret taf b'dawn il-problemi inbdew miżuri korrettivi immedjatament.

Il-koordinazzjoni tad-donaturi saret b'mod frekwenti, qabel, waqt u wara l-eżerċizzji tal-programm. Din saret istituzzjonalizzata wara d-Dikjarazzjoni ta' Pariġi. Sadanittant, saru miss-jonijiet ta' programmazzjoni konġunta.

**57.**
Minkejja każi limitati ta' nuqqasijiet, l-organizzazzjonijiet internazzjonali normalment ikollhom livell sinifikanti ta' għarfien fost l-oħrajn, f'termini ta' mobilitazzjoni ta' esperti, ġestjoni finanzjarja barra mill-pajjiż u l-akkwist effiċjenti f'oqsma diffiċli. Se jsir titjib fid-definizzjoni tal-modalitajiet ta' verifika fil-kuntest tal-FAFA permezz tal-elaborazzjoni ta' Termini ta' Referenza komuni, u se titjib il-viżibbiltà permezz tal-pubblikazzjoni ta' "Manwal ta' Komunikazzjoni u Viżibbiltà għall-Azzjonijiet Esterni tal-UE" (April 2008) li issa japplika wkoll għall-organizzazzjonijiet internazzjonali.

**d)**
"Fil-każ speċifiku, ġie deċiż li jitwettqu verifiki fuq xi proġetti tal-UNDP u li jsir segwitu fuq il-bażi ta' dawn ir-riżultati".

**60.**
Il-Kummissjoni ssegwi b'mod skrupluż il-proċedura ta' rappurtaġġ li torbot ir-rappurtaġġ mal-ħlasijiet lill-kuntratturi. Hemm mumenti fejn il-kontinwità tal-azzjoni ġġib il-bżonn li jitniedu kuntratti ġodda meta l-proċedura sħiħa ta' rappurtaġġ dwar l-azzjoni attwali tkun għadha mhix lesta, b'hekk dawn iwasslu għal sitwazzjonijiet li ma jistgħux ikunu evitati fejn mhux il-possibilitajiet tal-informazzjoni kollha jistgħu ikunu sfruttati.

**61.**
**a)**
Minn żmien il-verifika tal-Qorti, il-Kummissjoni wessgħet il-kopertura tar-ROM.

**b)**
Ir-rapport sommarju ta' żewġ paġni tar-ROM, appoġġjat minn Formola dwar il-Konklużjoni dwar il-Kuntest, ma tinkludix biss il-punteġġ tal-ħames kriterji ewlenin ta' monitoraġġ, ir-Relevanza, l-Effiċjenza, l-Effettività, l-Impatt u s-Sostenibbiltà, iżda wkoll total ta' 21 sotto-kriterji li għandhom ikun analizzati, mogħtija punteġġ u disponibbli għall-istatistika u t-tqabbil ulterjuri. Id-database tal-MONIS (is-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Informazzjoni) tippermetti analiżi statistika dettaljata u strateġika, iżda mandanakollu faċli biex tkun estratta u wżata, għall-amministraturi kollha involuti fis-superviżjoni, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-proġetti.

**Kaxxa 8 – Esperjenzi magħmula trasferiti b'mod insuffiċjenti f'proġetti ġodda**
**a)**
Il-proġett ta' segwitu magħżul kien l-aħjar proposta minn dawk irċevuti taħt is-sejħa għall-proposti tal-AENEAS tal-2005 u laħqet il-bżonnijiet attwali taċ-ċentri ta' detenzjoni fir-reġjun tal-Karpazja.

**b)**
Fir-rigward tal-waqt tal-proġett ta' segwitu, il-proġett CBMM 2 kien iffirmat biex jappoġġja r-riżoluzzjoni pożittiva tan-negozjati KE-Ukraina dwar il-Ftehim ta' Ammissjoni mill-ġdid. It-tagħlimiet li nkisbu mill-proġett CBMM 1 kienu meħuda f'konsiderazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-iffukar fuq il-Faċilitajiet taż-Żamma Temporanja u l-ħruġ tal-allokazzjoni/pussess tal-art ċċarata bil-qud-diem mal-entità responsabbli, u għall-fondi addizzjonali li hemm bżonn għaċ-Ċentri ta' Kustodja ta' VolynMigrant u disponibbli taħt il-fażi II tal-proġett.

## KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET

**63.**
Il-Kummissjoni tirrikonoxxi l-apprezzament pożittiv kumplessiv tal-Qorti fir-rigward tal-proġetti verfikati. L-ambitu tagħhom kien limitat sabiex tkun evitata n-nuqqas ta' konċentrazzjoni tal-attivitajiet u sabiex jonqos ir-riskju ta' effettività baxxa f'termini tar-riżultati, meta wieħed jara l-iskala ta' problemi li għandhom jiġu ndirizzati f'dawn il-pajjiżi ta' tranżizzjoni. Waqt li l-komponenti tal-bini tal-kapaċità tal-proġetti laħaq riżultati sodisfaċenti kumplessivament, il-komponenti tax-xogħol/fornitura għamlu progress iktar bil-mod minħabba l-proċeduri tas-sejħiet għall-offerti involuti u l-bżonn li l-amministrazzjoni benefiċjarja tipprovdi l-loġistika adegwata.

**64.**
Il-kwistjoni prinċipali tas-sostenibbiltà hija indirizzata b'żewġ modi. Minn naħa l-waħda, l-proġetti ta' ġestjoni tal-fruntieri huma mmirati bil-qawwa lejn it-tisħiħ tal-kapaċitajijiet tekniċi u istituzzjonali tal-benefiċjarji. Minn naħa l-oħra, il-valutazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-EUBAM ġew trasposti ulterjorment fuq livell nazzjonali fil-Moldova u l-Ukraina b'appoġġ addizzjonali tal-KE sabiex tkun żgurata sostenibbiltà għal tul ta' żmien adegwata.

**65.**
Is-soluzzjoni paċifika tal-konflitt tat-Transnistria hija, fil-fatt, indirizzata prinċipalment fuq livell politiku.

**67.**
Ir-responsabbiltà aħħarija għall-kisbiet fil-qasam tal-prosekuzzjoni u t-titjib tal-kooperazzjoni bejn is-servizzi għall-investigazzjonijiet kriminali taqa' taħt l-awtoritajiet nazzjonali minħabba kwestjonijiet marbuta mas-sovranità nazzjonali inkluża s-sigurtà.

**68.**
Il-Kummissjoni tqis li qiegħed isir progress gradwali fil-qasam tal-korruzzjoni. GRECO, il-Grupp ta' stati kontra l-korruzzjoni, tal-KtE li tiegħu l-Ukraina saret membru fl-2006, adotta r-rapport ta' reviżjoni minn esperti ugwali fil-qasam f'Marzu 2007 (ippubblikat f'Ottubru 2007). L-Ukraina għandha tirrapporta lura lill-GRECO sal-Ħarifa 2008. Il-Pjan ta' Azzjoni Kontra l-Korruzzjoni imsemmi hawn fuq għandu l-għan li jindirizza numru ta' rakkomandazzjonijiet mogħtija mill-GRECO. Il-kwestjonijiet li se jkunu indirizzati jinkludu:

- it-twaqqif ta' entità dedikata biex tieħu ħsieb l-offiżi ta' korruzzjoni;
- it-tneħħija ta' immunitajiet żejda u s-simplifikar tal-proċeduri li jagħtu l-immunità;
- akkwist pubbliku iktar trasparenti;
- il-kriminalizzazzjoni ta' kull offiża marbuta mal-korruzzjoni, li ħafna minnhom għandhom ma jaqgħux taħt il-ġurisdizzjoni kriminali.

**Rakkomandazzjonijiet**

**a)**
Bażikament, ir-Regolament tal-FRONTEX jipprovdi lill-Aġenzija b'mandat biex jiffaċilita l-kooperazzjoni operattiva bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi. Madanakollu, il-Kummissjoni taqbel li tfittex il-parir tagħha. Il-komplementarjetajiet tat-tagħmir tal-fruntiera kienu u se jibqgħu żgurati ulterjorment mid-donaturi l-oħra.

**b)**
Il-Kummissjoni taqbel mar-rakkomandazzjoni tal-Qorti u tixtieq tenfasizza li fil-kuntest tal-programm ta' għajnuna relatat mal-Ammissjoni mill-ġdid (2007), dan l-impenn diġà ġie kkonfermat mill-Ministeru tal-Affarijiet Interni tal-Ukraina.

**c)**
Il-Kummissjoni taqbel mar-rakkomandazzjoni tal-Qorti. Din ir-rakkomandazzjoni qegħda tkun żgurata fil-qafas tal-proġett konġunt KE – Kunsill tal-Ewropa: Il-Kooperazzjoni Internazzjonali f'Materji Kriminali tal-Ukraina (UPIC) mill-2006 u għadu għaddej bħalissa.

**d)**
Il-Kummissjoni esplorat u se tkompli tesplora l-possibbiltajiet biex tippromwovi Atturi Mhux Statali involuti fil-politika kontra l-korruzzjoni.

**69.**
Il-kuntest politiku diffiċli minn April 2007 sal-aħħar tas-sena kien il-problema ewlenija. Minkejja dawn l-avvenimenti, kienet żgurata l-appartenenza lokali. Id-diffikultajiet tal-persunal tal-bidu ġew megħluba b'membru tal-persunal tal-KtE fulltime fl-Ukraina li ħa f'idejh is-superviżjoni/tmexxija diretta tal-xogħlijiet tal-proġett.

**70.**
Id-Delegazzjoni tal-KE fil-Moldova issa ħadet f'idejha kompletament ir-responsabbiltajiet ta' ġestjoni tal-programm mingħand id-Delegazzjoni ta' Kiev, li għandha ssolvi l-problema tar-riżorsi.

Rigward il-koeżistenza ta' numru ta' strumenti finanzjarji tal-UE għall-istess għan, l-użu ta' żewġ strumenti finanzjarji biex jappoġġjaw il-proġett ta' Söderköping dak iż-żmien kienet soluzzjoni li tirrispondi għall-iskala tal-problema b'mod adegwat.

**71.**
Il-Kummissjoni ħadet f'idejha li tmexxi u ssaħħaħ l-isforzi tal-koordinazzjoni tad-donaturi b'mod sistematiku fl-Ukraina, u ospitat konferenza dwar il-koordinazzjoni tad-donaturi madwar ir-reġjun f'Jannar 2008 biex tagħti bidu għal dan il-proċess.

Barra minn dan, qegħdin ikunu segwiti b'mod attiv il-possibbiltajiet għall-programmazzjoni konġunta, u tlestiet missjoni ta' programmazzjoni konġunta fl-Ukraina, mas-SIDA tal-Iżvezja.

**72.**
Il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni dwar l-importanza tal-fatturi esterni.

**Rakkomandazzjoni**
Il-Kummissjoni għandha

**a)**
L-isfida ta' persunal adegwat, kemm f'termini ta' numru kif ukoll ta' kapaċitajiet. Madanakollu, id-Delegazzjoni tal-KE fil-Moldova issa ħadet f'idejha r-responsabbilitajiet tal-ġestjoni tal-programm mid-Delegazzjoni ta' Kiev kompletament. Barra minn dan, fir-rigward tad-Delegazzjoni tal-Ukraina, riorganizzazzjoni interna tal-operat tal-persunal li għandha l-għan li tqassam il-piż tax-xogħol mill-ġdid, b'mod partikolari fil-qasam tal-JLS, ilha effettiva mill-1.9.2008.

**b)**
Waqt li l-ENPI jirrappreżenta strument iktar flessibbli minn dak ta' qablu, għad hemm każ ċar għat-tqassim tax-xogħol bejn l-istrumenti li jiffinanzjaw, skont il-vantaġġi u l-ispeċifitajiet ta' kull wieħed. Il-punt fokali tal-programmi ENPI fl-Ukraina u l-Moldova huwa, pereżempju, fuq programmi ta' appoġġ kbar u mifruxa mas-settur kollu, milli fuq proġetti iżgħar. Dan huwa f'konformità mal-bżonn li jitjieb il-punt fokali u l-impatt strateġiku tal-iffinanzjar tal-ENPI. Madankollu, strumenti oħra, bħal Programm Tematiku dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni għandhom il-kapaċità li jimmobiliżżaw ġabriet ta' fondi iżgħar b'mod iktar mgħaġġel u flessibbli mill-programm ta' riforma fuq skala ikbar.

**c)**
Il-ftehim ta' kontribut standard jirrifletti l-bżonn tal-FR u fih ħtiġijiet estensivi fir-rigward tal-obbligi tal-IO fir-rigward tal-viżibbiltà, l-informazzjoni dwar l-arranġamenti kuntrattwali għall-kuntratti, kif ukoll l-akkwist, l-għotja ta' għotjiet, ir-rispett tal-kriterju ta' esklużjoni, ir-reklam ex post adegwat tal-għotja ffinanzjata mill-KE u l-kutratti ta' akkwist mogħtija lill-organizzazzjoni.

**d)**
Il-Kummissjoni ilha taħdem ma' gvernijiet imsieħba, Stati Membri u donaturi oħra biex tinkoraġġixxi u tappoġġja mekkaniżmi ta' koordinazzjoni tad-donaturi li huma tal-pajjiż stess, u se tkompli l-isforzi tagħha f'din id-direzzjoni.

**e)**
Il-Kummissjoni taqbel li l-pajjiż destinatarju għandu jesprimi l-interessi u x-xewqat tiegħu b'mod ċar biex jenfasizza li dawn l-espressjonijiet ikunu stabbiliti fil-Ftehimiet ta' Sħubija u Kooperazzjoni u fil-pjanijiet ta' azzjoni tal-ENP. Huma wkoll meħuda f'kunsiderazzjoni ulterjorment fl-istadju ta' identifikazzjoni tal-proġett wara li jkunu ġew identifikati l-prijoritajiet fid-Dokument ta' Strateġija tal-Pajjiż u l-Programmi Nazzjonali Indikattivi f'konformità mal-pjanijiet ta' azzjoni tal-ENP. Il-parteċipazzjoni nazzjonali hija prevista u implimentata skont in-natura tal-proġett.

Fil-qafas tal-eżerċizzju regolari tar-ROM, se tingħata attenzjoni partikolari ulterjuri lid-definizzjoni tal-għanijiet f'konformità mal-kapaċitajiet politiċi u istituzzjonali tal-pajjiżi destinatarji. Fir-rigward tat-tul tal-perijodi ta' implimentazjzoni, dan huwa definit b'kunsiderazzjoni tal-kapaċità ta' assorbiment tal-pajjiżi destinatarji, imkejla f'termini taż-żmien neċessarju biex jitwettqu riformi settorjali.

**73.**
**Rakkomandazzjoni**
Il-Kummissjoni taqsam dan it-tħassib u tixtieq tenfasizza li hija diġà tinkludi informazzjoni relevanti dwar it-tagħlimiet miksuba fuq il-livell tal-preparazzjoni tal-proġett. Il-Fiche ta' Identifikazzjoni għall-approċċ tal-proġett tintuża fl-evalwazzjoni mill-Grupp ta' Appoġġ tal-Kwalità, imbagħad din tkun tradotta f'Fiche ta' Azzjoni li hija parti mid-deċiżjoni ta' finanzjament u fiha parti dwar it-"tagħlimiet miksuba" (sezzjoni 2.2).

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

**Rapport Speċjali Nru 9/2008**
**L-effettività tal-għajnuna tal-UE fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja għall-Belarus, il-Moldova u l-Ukraina**

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej

2009 — 50 pp. — 21 × 29,7 ċm

ISBN 978-92-9207-146-2

DOI 10.2865/46113

## Kif tista' tikseb pubblikazzjonijiet ta' l-UE?

Il-pubblikazzjonijiet li jinħarġu mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet li huma għall-bejgħ jistgħu jinkisbu mill-Bookshop ta' l-UE http://bookshop.europa.eu fejn inti tista' tordna mill-uffiċċju tal-bejgħ li tixtieq.

Tista' wkoll titlob lista ta' l-operaturi tan-netwerk tal-bejgħ tagħna madwar id-dinja billi tibgħat feks lil dan in-numru: +352 2929 42758.

QJ-AB-08-009-MT-C

IR-RAPPORT SPEĊJALI "L-EFFETTIVITÀ TAL-GĦAJNUNA TAL-UE FIL-QASAM TAL-LIBERTÀ, IS-SIGURTÀ U L-ĠUSTIZZJA GĦALL-BELARUS, IL-MOLDOVA U L-UKRAINA" JEŻAMINA L-KISBIET TAL-GĦAJNUNA TA' L-UE U JANALIZZA R-RAĠUNIJIET GĦALFEJN IL-PRESTAZZJONI KIENET INADEGWATA. JAGĦTI ĦARSA WKOLL LEJN IL-PUNT SAFEJN IL-KUMMISSJONI KELLHA PROĊESS F'POSTU SABIEX TIEĦU KONT TA' TAGĦLIMIET DWAR GĦAJNUNA KONTINWA F'DAN IL-QASAM. IR-RAPPORT JINKLUDI RAKKOMMANDAZZJONIJIET DETTALJATI LI JISTGĦU JGĦINU LILL-KUMMISSJONI TTEJJEB L-EFFETTIVITÀ TAS-SOSTENN MOGĦTI LIT-TLIET PAJJIŻI.

IL-QORTI EWROPEA TA' L-AWDITURI

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
Publications.europa.eu

ISBN 978-92-9207-146-2